Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 224 / 2019**

**Appell Numru: 225/2019**

**Appell Numru: 226/2019**

Il-Pulizija

Spettur Fabian Fleri

Spettur Robert Vella

vs

**Keith Joseph Mallia,**

**Mario Mallia u**

**Clyde Mallia**

Illum, 14 ta' Mejju, 2020,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputati **Keith Joseph Mallia** ta’44 sena, iben Emanuel u Theresa nee' Sciberras, mwieled Attard nhar is-6 ta' Marzu 1971, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 148471M u residenti gewwa Golden Gennet Triq Dun Guzepp Demicoli Ghaxaq, **Mario Mallia** ta' 18 il-sena, iben Keith Joseph u Lucy Anne nee' Attard, imwieled Pieta' nhar is-7 ta' Jannar, 1998, detentur tal-karta tal-identita' 19998M u residenti gewwa Golden Gennet, Triq Dun Guzepp Demicoli Ghaxaq, u **Clyde Mallia** ta' 16 il-sena, iben Keith Joseph u Lucy Anne nee' Attard, mwieled Pieta' nhar it-23 ta' Dicembru 1999, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 439899M u residenti gewwa Golden Gennet Triq Dun Guzepp Demicoli Ghaxaq, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-25 ta' Frar 2016 ghall-habta ta' bejn it-tlieta u l-erbgha u nofs ta' filghodu (03:00hrs u 04:30hrs) gewwa Triq it-Tigrija Marsa:

1. bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe' delitt ta' serq minn gewwa Banka tal-Lottu bin-numru 12 li tinsab gewwa triq it-Tigrija Marsa wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id- delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeccedi il-2,329.32 Euros (elf Lira Maltija), u bil-hin ghad-dannu ta' Louise Gerada, Felix Mifsud u/jew persuna/i ohra. (Artikoli 261(a) (b) (c) (f),262 (1) (b), 263 (a) (b), 267, 270, 277 (b) );

Lil Keith Joseph Mallia wahdu akkuzat ukoll talli:

1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni ACB123 tal-ghamla Kia Shuma meta kellha il- licenzja skaduta u ma kienx kopert b'polza tas-sigurta ghall-terzi persuni ) (Artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104, Artikolu 13 L.S. 368.02);

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza inghatat fit-13 ta' Mejju 2015 mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LLD u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel (Artikolu 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza inghatat fid-9 ta' Gunju 2015 mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale LLD u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel (Artikolu 28C tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta);

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza inghatat fis-26 ta' Marzu 2014 mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea LLD u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel (Artikolu 28C tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta);

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Neville Camilleri LLD fid-digriet tieghu tal-4 ta' Marzu 2013 li bih tat il-helsien mill-arrest. (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Carol Peralta LLD fid-digriet tieghu tat-22 ta' Lulju 2015 li bih tat il-helsien mill-arrest. (Artikolu 579(2) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta);

7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-

kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Gabriella Vella LLD fid-digriet taghha tat-3 ta' Dicembru 2015 li bih tat il-helsien mill-arrest. (Artikolu 579(2) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

8. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Audrey Demicoli LLD fid-digriet taghha tat- 12 ta' Jannar 2016 li bih tat il-helsien mill-arrest (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

9. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu rizediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Lil **Mario Mallia** wahdu akkuzat ukoll:

1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal- Kapitolu 446 Artiklu 7 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Vella LLD datata 11 ta' Marzu 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel (Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Audrey Demicoli LLD fid-digriet taghha tat- 12 ta' Jannar 2016 li bih tat il-helsien mill-arrest (Artikolu. 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Lil **Clyde Mallia** wahdu akkuzat ukoll:

1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Audrey Demicoli LLD fid-digriet taghha tat- 12 ta' Jannar 2016 li bih tat il-helsien mill-arrest. (Artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Charmaine Galea LLD fid-digriet taghha tat- 29 ta' Jannar 2016 li bih tat il-helsien mill-arrest. (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta r-reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza u supervision order liema sentenza inghatat fit-3 ta' Frar 2015 mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti intalbet sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mall-hatra ta' esperti jew periti fil- prozeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet ukoll sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skont il-ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom Keith Joseph Mallia, Mario Mallia u Clyde Mallia inghataw il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmija mputati kif ukoll tordna li s- sommom bhala depoziti u garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet sabiex f'kaz ta' htija tordna is-sekwestru tal-vettura Kia Shuma bin-numru tar-registrazzjoni ACB123 hekk kif ikkontemplat fl- Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta’ Lulju, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 37 (2), 41(l)(a), 261, 262, 263, 264, 265, 267, 269, 270, 279(a), 280, 281, 579, u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tar-regolament 3(l)(lA)(lB)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sabet:

Lil Keith Joseph Mallia, Mario Mallia u Clyde Mallia ilkoll hatja tal- imputazzjoni migjuba kontrihom kollha ta' tentattiv ta' serq ikkwalifikat bl-aggravji tal-vjolenza, mezz, valur u hin;

Sabet lil Keith Joseph Mallia hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu wahdu ai termini tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104, kif ukoll hati tal-hames, sitt, seba' u tmien imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu wahdu, filwaqt li illiberatu mit-tieni, tielet u r-raba' imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu wahdu. Ghal dak li jirrigwarda l-addebitu tar-recidiva, kif rifless fid-disa' akkuza migjuba kontra tieghu wahdu, din il-Qorti applikat biss skont id-dettami tal-Artikolu 49 izda mhux l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Konsegwentement ikkundannat lil Keith Joseph Mallia ghal tletin xahar prigunerija.

Inoltre, ai termini tar-regolament 3 (2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ordnat l-iswalifika tal-licenzja tas-sewqan ta' Keith Joseph Mallia ghal zmien tnax il-xahar (12).

Sabet lil Mario Mallia hati tat-tieni imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu wahdu izda mhux hati tal-ewwel imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu wahdu u konsegwentement ikkundannat lil Mario Mallia ghal piena komplessiva ta' ghoxrin xahar prigunerija.

Sabet lil Clyde Mallia hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonjiet kif migjuba kontra tieghu wahdu izda mhux hati tat-tielet imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu wahdu tal-ksur tas-sentenza sospiza u konsegwentement ikkundannat lil Clyde Mallia ghal tlettax il-xahar prigunerija.

Wara li l-Qorti rat l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ordnat ir-revoka tal-helsien mill-arrest fir-rigward tat-tlett imputati skont l-akkuzi kif migjuba u ordnat wkoll il-konfiska tal-ammont depozitat u tal-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta;

Stante li gie ppruvat li l-vettura tal-ghamla Kia Shuma bin-numru ta' registrazzjoni ACB 123 fil-jum ta' meta gie kommess id-delitt ma kienetx tappartjeni lil Keith Joseph Mallia jew lill-imputati l-ohra izda kienet ghadha registrata f'isem terzi persuni, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-konfiska tal-imsemmija vettura.

Wara li l-Qorti rat l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali il-Qorti ordnat wkoll il-hlas tal-ispejjez peritali inkorsi matul dawn il-proceduri ammontanti ghal tlett mija tlieta u hamsin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€353.29) liema somma ghandha titqassam bejn l-imputati. Finalment skond id-dettami tal-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali din il-Qorti ordnat l-hlas ta' danni favur Felix Mifsud ammontanti ghal tmien mija u hames Euro u erbgha u disghin centezmu (€805.94)[1] liema somma ghandha titqassam ugwalment bejn l-imputati.

---

[1] Folio 155 tal-atti processwali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Keith Joseph Mallia, Clyde Mallia u Mario Mallia minnhom pprezentat fil-25 ta' Lulju, 2019, fejn talbu lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dawn l-appelli taghhom billi TIRRIFORMA s-sentenza appellate fil-konfront taghhom u dan billi filwaqt li TIKKONFERMAHA f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant Keith Joseph Malia hati tat-tieni, t-tielet u tar-raba' imputazzjoni migjuba kontrih wahdu u lliberatu minnhom, THASSARHA, TIRREVOKAHA u TIKKANCELLAHA f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu flimkien mal-imputati l-ohra, u kif ukoll tal-ewwel, il-hames, is-sitt, is-seba', u t-tmien u d-disgha [recidiva] imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minflok TIDDIKJARAH mhux hati taghhom u konsegwentament TILLIBERAH minnhom; jew sussidjarjament, TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta fic-cirkustanzi odjerni;

Rat ir-rikors tal-appellanti Mario Mallia minnu pprezentat fil-25 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li TIKKONFERMAHA f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontrih wahdu u lliberatu minnha, THASSARHA, TIRREVOKAHA u TIKKANCELLAHA f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu flimkien mal-imputati l-ohra, u kif ukoll tat-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu wahdu u minflok TIDDIKJARAH mhux hati taghhom u konsegwentament TILLIBERAH minnhom; jew sussidjarjament, TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta fic-cirkustanzi odjerni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Clyde Mallia minnu pprezentat fil-25 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din il- Qorti joghgobha tilqa' dan l- appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li TIKKONFERMAHA f' dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontrih wahdu u lliberatu minnha, THASSARHA, TIRREVOKAHA u TIKKANCELLAHA f' dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu flimkien mal-imputati l-ohra, u kif ukoll tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minflok TIDDIKJARAH mhux hati taghhom u konsegwentament TILLIBERAH minnhom; jew sussidjarjament, TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta fic-cirkustanzi odjerni;

Rat **Illi l-aggravji tat-tlett appellanti Keith Joseph Mallia, Mario Mallia u Clyde Mallia huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**A. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Ligi Applikabbli fir-Rigward tas-Sejbien tal-Htija tal-Ewwel Akkuza**

Illi l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament u interpretazzjoni hazina tal-provi migjuba quddiemha u tal-Ligi applikabbli meta sabitu hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu u dan ghaliex fl-umli fehma tal-appellant l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt issib htija fl-appellant fir-rigward ta' din l-akkuza.

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellant mhuwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi jigi rilevat ukoll illi r-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il- Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal perezempju d-difiza tal-insanita'.

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal- Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is- segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v Michele Borg et'</u>** (deciza mill- Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

*"illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal- innocenza? Din tfisser li l-akkuzati ma jridu jipprovaw xejn dwar l- innocenza taghhom - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija taghhom. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal- imputati, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha beyond a reasonable doubt, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il- Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi jigi rilevat illi l-Prosekuzzjoni qed tibbaza ruhha biss fuq provi cirkostanzjali stante n-nuqqas ta' provi diretti f'dan il-kaz. Illi jigi rilevat illi l-Qrati Maltin b'diversi sentenzi sahqu illi sabiex Qorti issib htija fl-imputat fuq provi indizzjarji, **<u>kull cirkostanza trid twassal ghall-istess konkluzjoni, u cioe' illi l-allegat reat sar mill-imputat.</u>**

Fi kliem **Sir Rupert Cross**:

*Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact.*

U fl-edizzjoni tal-2018 ta' **Archbold** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt:

*These are inferences which the court may draw from the facts which are established, but it is not obliged to draw.*

*For example where a defendant charged with handling stolen goods is found to be in possession of those goods without any explanation, this circumstantial evidence may give rise to a provisional conclusion that the defendant is the handler of those goods.*

*In some cases a rebuttable presumption of law imposes a legal burden of proof which must be satisfied to the requisite standard of proof in order to rebut thepresumption, whereas some presumptions merely impose an evidential burden. For example, the presumption that a machine was working properly may be rebutted by merely adducing evidence to the contrary: Tingle, Jacobs and Co v. Kennedy [1964] 1 W.L.R. 638. In contrast, in order to rebut the presumption, created by section 74(3) of the Police and Criminal Evidence Act 1984, that the defendant committed an offence of which he was convicted, the Court of Appeal has held that the defence must prove on the balance of probabilities that the defendant did not commit the offence: Watson [2006] EWCA Crim. 2308. Similarly, in Miell [2008] 1 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal treated s.74(3) as shifting the burden of proof onto the accused. InC[2011] 1 Cr.App.R. 17, however, the Court of Appeal, without reference to Watson, referred, at p.225, to s.74(3) as creating an "evidential presumption" and indicated that "if the defendant does adduce evidence to demonstrate that he is not guilty of the offence, it remains open to the Crown then to call evidence to rebut the denial". In Clift [2012] EWCA Crim. 2750 the Court of Appeal indicated that s.74(3) shifts the burden of proof to the defendant and that the prosecution is not required to prove to the criminal standard the matters covered by s.74(3). Equally, in R. v. O'Leary [2013]*

*EWCA Crim 1371 the Court of Appeal held at para.19 that, "The effect of section 74(3) is that the defendant bears the burden of proving that he did not commit the offence".*

*In Zawadzka [2016] EWCA Crim 1712, where evidence of a theft conviction committed in Poland by the defendant was admitted in a murder trial, the Court of Appeal accepted that the judge should have directed the jury that if the defendant proved on the balance of probabilities that she had not committed the offence then the jury should 'dismiss it from their minds'.*

*Even where a presumption imposes a legal burden of proof, if the imposition of a legal burden of proof upon the defence would give rise to a violation of art. 6(2) of the ECHR it may be necessary to read down the relevant statutory provision under section 3(1) of the Human Rights Act 1998, in line with the principles that were considered at §§ 10-11 and 10-12, ante, such that it merely imposes an evidential burden. Indeed, statute may expressly impose the evidential burden of rebutting a presumption upon the defendant. For example, in relation to the evidential presumptions about consent which section 75 of the Sexual Offences Act 2003 created, s.75(1) provides that:*

*"... the complainant is to be taken not to have consented to the relevant act unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he consented, and the defendant is to be taken not to have reasonably believed that the complainant consented unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he reasonably believed it."*

*It appears that the effect of this provision is that the burden of disproving the relevant issue remains on the prosecution provided that evidence that is not merely "fanciful or speculative" has been adduced to raise the issue: Ciccarelli[2011] EWCA Crim. 266.*

Huwa minnu li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis

provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputati u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil- kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill- provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-kaz **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Andrea Zammit</u>** moghtija nhar it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, il-Qorti kkwotat l-indirizz tal-Imhallef illi kien qieghed jippresjedi l-guri li tenna s-segwenti:

*Issa hemm imbaghad ir-raba' tip ta' prova li diga` ssemmiet waqt it-trattazzjoni li hija s-circumstantial evidence. […] L-importanti pero` li tibqghu tiftakru li jekk is-circumstantial evidence, jigifieri serje ta' cirkostanzi jistghu jwassluk ghall-konkluzjoni wahda u wahda biss allura dik hija bizzejjed biex tistrieh fuqha, anke fuqha biss biex issib il-htija. Pero`* ***<u>jekk is-cicumstantial evidence ma twassalkomx ghal konkluzjoni wahda biss imma tista' taghti lok ghal diversi konkluzjonijiet, jew ghall-inqas tnejn, allura ma tistghux tistriehu fuqha biss biex issibu l-htija. Dik hija r-regola principali tas-circumstantial evidence. Circumstantial evidence tista' tigi minn hafna affarijiet.</u>***

Illi fis-sentenza **<u>Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg</u> et** moghtija nhar l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) il-Qorti tal-Appelli Kriminali tenniet illi:

*Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar is-sahha probattiva ta' provi cirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi* ***<u>jistghu jwasslu ghall-htija jekk tirrizulta konkluzzjoni wahda. Jigifieri li l-provi tkun univoka.</u>***

Johrog car mill-gurisprudenza nostrana illi jekk ikun hemm imqar izjed minn possibilita' wahda illi tkun tista' tnissel dubju illi l-imputat ma jkunx wettaq it-tali reat allura ma tkunx tista' tinstab htija f'dak l-imputat stante' illi <u>il-provi cirkostanzjali iridu jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda biss</u> kif gie ritenut fil-kawza bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v.</u>**

**Michael Ellul Vincenti** moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013):

***Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali*** *illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni,* ***li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss.*** *Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u rresponsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok* ***diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni.***

Dan gie ritenut ukoll fil-kawza bl-ismijiet **The Republic of Malta v. Eduardo Navas Rios** moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013):

*It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of circumstances as proving guilt* ***this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning then that circumstance or circumstances cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie they may deceive.***

Illi kif kwotat il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Kyle Stone** nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013):

*Circumstantial evidence – li kif qal Lord Salmon fil-kaz* ***DPP v Kilbourne*** *[1973] AC 729, p. 758 "&* ***works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities."***

Illi f'dan l-istadju wkoll issir referenza ghall-kawza bl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil- 5 ta' Lulju 2002 fejn il-Qorti sostniet is-segwenti**:**

*"L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghallkonkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi".*

Inoltre fil-kawza bl-ismijiet **<u>Pulizija v Paul Grech</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) intqal illi:

*"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mirreita' ta' l-imputat."*

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **<u>ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada</u>** datata l-hmistax (15) ta' Mejju tassena elfejn u disgha (2009) gie ddikjarat illi:

*"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-ahhar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni lapppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci".*

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju **Pollock C.B** (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], **Richard May** (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahlu fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira talunivocita` u qal is-segwenti:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be*

*insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Illi l-esponent jirrileva illi mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghal konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wahedhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija. Illi l-gudikant ghandu jkollu izda s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Illi l-akkuza illi instab hati taghha huwa t-tentattiv tas-serq:

**Artikolu 41**

*"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati .... jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."*

**Artikolu 261**

*Is-serq huwa ikkwalifikat –*

*(a) bil-"vjolenza";*

*(b) bil-"mezz";*

*(c) bil-"valur";*

*(d) bil-"persuna";*

*(e) bil-"lok";*

*(f) bil-"hin";*

*(g) bix-"xorta tal-haġà misruqa".*

Illi l-esponenti jirrileva illi mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, u cioe' l-Artikolu 41, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.

2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.

3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat- tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif jghid il-**Professur Mamo** fin-noti tieghu:

*"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."*

Madanakollu kif ikompli ighid il-**Professur Mamo**, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt. X'distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta'l- istess?

Il-**Professur Mamo**, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-**Cararra**, **Maino** u **Liugi Masucci**:

*"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."*

Illi fir-rigward tad-deinifizzjoni tar-reat tas-serq l-esponenti jaghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet <u>Il-**Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez**</u> moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad:

*"L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioe': "La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro". (ara Il-Pulizija vs. Carmelo Felice, 10/1/42, Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali).*

Din id-definizzjoni hi suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-**Manzini** b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-Codice Rocco:

*"Obiettivamente, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".*

Issa huwa pacifiku, kif anke gie accettat mill-Qorti tal-Magistrati fis- sentenzi taghha, li l-lukru mehtieg ghad-delitt ta' serq jista' jikkonsisti anki fi kwalunkwe tgawdija, pjacir jew sodisfazzjon li l-halliel jipprokura lilu nnifsu bil-haga misruqa (b'referenza ghas-sentenza talQorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. James Chetcuti**, 3 ta' April 1943 – Kollez. XXXI.iv.500).

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pawlu Scicluna et** (9 ta' Dicembru 1944 – Kollez. XXXII.iv.814) intqal hekk fir-rigward ta' l-animus furandi rikjest fir-reat tas-serq:

*'Bil-kelma lucro wiehed ma ghandux jifhem biss lokupletazzjoni venali, jew borswali, imma kwalunkwe vantagg, kwalunkwe sodisfazzjon, kwalunkwe utili, pjacir, beneficcju, jew kommodu, li lhati jkollu fi hsiebu li jipprokura' (p.820).*

L-istess fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmelo Felice** (10 ta' Jannar 1942 – Kollez. XXXI.iv.458) intqal:

*'Fuq id-dolo specifiku ghar-reat tas-serq, jigifieri l-iskop tal-lukru, skond id-dottrina huwa bizzejjed li dak il-lukru jkun potenzjali jew possibbli; u l-Impallomeni (Commento al Codice Penale Italiano, Vol. IV, p.14, no. 1843) jghid li 'per lucro e profitto del furto si intende non soltanto il lucro personale che puo` ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso, onde anche chi rubi per denaro o chi sottragga per mero diletto artistico un'opera d'arte, anche lasciando al proprietario il prezzo od altro oggetto di pregio equivalente o superiore, e` responsabile' (p. 460)."*

Fit-teorija accettata dwar il-kwistjoni tal-valur tas-serq, anki ammont zghir hafna huwa bizzejjed. Jirreferi ghall-gurista **Carrara** li jghid li "*purche` un qualche valore ci sia, per quanto minimo, e` sempre furto*".

Il-principju generali f'kaz ta' allegat serq huwa li sakemm mic- cirkostanzi jirrizulta manifestament li l-oggett inkwistjoni ma hux res nullius u lanqas res derelicta, hemm id-delitt ta' serq.

Illi f'dan ir-rigward u fil-kaz odjern l-unici provi li hemm fil-konfront tal-esponenti huma l-fatt illi l-esponent flimkien ma' huh u missieru nqabbdu qrib il-post fejn sehh it-tentattiv ftit tal-hin wara. Mix-xiehda tal-membri tal-*RIU,* l-imputati kienu lkoll rekbin fil-vettura tal-ghamla *Kia Shuma,* u ippruvaw jaharbu milli jiġu investigati jew arrestati meta ġew interċettati mill-membri tal-*RIU.* Inoltre meta rnexxielhom jitwaqqfu, u saret tfittxija fil-vettura li kellha l- pjanċi taghha mghottija, irriżultaw diversi ghodda li jistghu jintużaw ghal ksur jew sgass fi proprjeta'. Minbarra dan instabu żewġ balaklavi u ingwanti fejn kienu bilqieghda l-passiġġiera tal-vettura in kwistjoni.

Apparti minn hekk mis-CCTV *recording* jirriżulta li kien hemm żewġ persuni mghammda li aviċinaw il-banka tal-lottu in kwistjoni u dawru l-*cameras* li kienu qieghdin jippuntaw fuq il-bieb tal-banka fejn essenzjalment sehh l-isgass u t-tentattiv sabiex jidhlu fil-hanut in kwistjoni. Mill-istess filmat jirriżulta illi dawn il-persuni kienu libsin hwejjeg simili li kellhom l-imputati Mario u Clyde Mallia meta ġew arrestati, tant

illi l-Uffiċjal Prosekutur kien ordna li jiġu fotografati. Irriżulta wkoll mill-istess filmati illi kellhom imqass imdaqqas f'idejhom li kien jixbah dak li nstab fil-vettura meta ġew arrestati u li filfatt kienu użaw din l-ghodda sabiex ilahhqu mal-kameras in kwistjoni u jdawwrahom il-fuq u l-boghod mill-bieb tal-banka. Finalment matul it- tfittxija instab ukoll *radio* li kien imqabbad mal-frekwenza tal-*RIU.*

Illi dawn il-fatti wehidhom bir-rispett kollu mhux bizzejjed biex iwassal ghal konvinciment morali u lil hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni illi l-esponenti kienu qeghdin gol-post lesti sabiex jisirqu.

Illi jigi rilevat illi ghalkemm allegatament il-hwejjeg kienu simili ma giex ippruvat illi kienu l-istess hwejjeg u b'kull rispett il-hwejjeg milbusin mill-esponent ma kellhomx xi haga partikolari illi twassal biex tghid illi dak il-flokk jew qalziet kellu biss l-esponent. Illi jirrizulta inoltre illi ma kien hemm l-ebda fingerprints jew dna u l-Prosekuzzjoni lanqas biss gabet xi call profile biex turi illi huma kienu f'dak il-post fil-hinijiet precedenti.

**Illi mix-xhieda kollha jirrizulta illi fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni ghandna nuqqasijiet enormi fil-provi tal-prosekuzzjoni liema nuqqasijiet ghandhom jillimitaw favur l-esponent. Illi fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni naqset illi ggib provi ohra fosthom xi elevar tal-fingerprints, xi nies ohra li forsi raw il-movimenti tal-allegati persuni illi kienu involuti fis-serqa u affarijiet ohra.**

Illi, kif inghad aktar il-fuq, huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn tal-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-Gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat. Fil-fatt, il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzjoni wahda. Illi l-esponenti jistaqsi illi l-fatt biss illi dawn il-persuni kienu fuq il-post in kwistjoni hija prova cirkostanzjali bizzejjed li tista'

titqies bhala prova ammissibli fil-kamp kriminali meta l-Prosekuzzjoni hija mitluba ggib l-ahjar u l-aqwa prova.

Illi huwa umilment sottomess li skond il-liġi proċedurali nostrana, kull qorti, u partikolarment qorti ta' ġudikatura kriminali, ghandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li tista' ġġib parti. Tali regola tohroġ mill-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu hu applikabbli ghall-proċeduri kriminali bis- sahha tal-artikolu 520(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi di *piu* jinghad li l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jghid bl-aktar mod skjett li "*Bhala regola, ghandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar shiha u sodisfaċenti illi l-każ ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti*";

Illi tenut kont ta' dawn ir-**regoli tassattivi ta' proċedura penali**, jinghad li fil- każ odjern zgur illi ma giex sodisfatt "*il-principju kardinali tal-kamp kriminali li sabiex ikun hemm sejbien ta' htija il-Prosekuzzjoni trid necessarjament iggib u tipprezenta l-aqwa prova li jkollha fil-pussess taghha. Tant hu hekk illi l-prosekuzzjoni tentuta tipprezenta kull prova kemm dik favur u kemm kontra*" [***Pulizija (Spettur Pierre Grech) v Antoine Agius,*** [2]].

Illi fuq ir-regola tal-ahjar prova l-esponenti jaghmel referenza ghall- insenjament tal-Professur Mamo, fejn dan jghid hekk:

'*The main object of the rules of evidence is to secure, so far as it can be secured, that the evidence given in a judicial proceeding shall be true, and for that reason they* ***require that the best evidence procurable of the matter in dispute shall be given*** *and in a manner which will best ensure the object in view....***The rule as to the production of the best evidence is rigid***, and the mind of the Court is alert to discover, when evidence of an alleged fact is tendered, whether it is not within the power of the person tendering it to produce better evidence of the same fact, and* ***if the court is satisfied that better evidence can be produced it will insist***

[2] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 2015

***upon the production thereof****...In the* ***unavoidable*** *absence of the best or primary evidence, the Court will accept what is known as secondary evidence. Secondary evidence is evidence which suggests on the face of it that other and better evidence exists. It follows that* ***it will never be received until the party tendering it proves what it is out of his power to obtain other evidence****...';*

Illi min dan jirriżulta li r-regola dwar l-ahjar prova hija wahda riġida u tassattiva u li, anzi, il-qorti hija **fid-dmir u d-dover** li titlob li tiġi prodotta l-ahjar evidenza. Aktar minn hekk il-**Profs Mamo** jishaq li huwa biss jekk u wara li l-Qorti tkun konvinta li l-ahjar evidenza ma setghetx tinġieb, li l-Prosekuzzjoni tinghata l- fakulta li ġġib evidenza ta' natura sekondarja.

Illi ghalhekk ix-xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni wehidhom u tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u ta' dak li jirrizulta mil-atti processwali ma jista' qatt iwassal lil dina l-Qorti ghal konvinciment morali illi l-imputat setgha kellu xi involviment f'dak li qed jigi akkuzat bih.

Illi l-esponenti jirrileva illi din il-Qorti tista' **biss** tispekula dwar jekk l-imputat kellux xi involviment f'dak li huwa qed jigi akkuzat bih u dana stante illi kemm ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u anke l-provi migjuba minnhom huma pjuttost dghajfa u ma jistghu fl-ebda kaz iwasslu ghal htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fejn allura l-provi tal-prosekuzzjoni huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jirrileva illi jekk ghall-grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti thoss illi l-argumenti hawn fuq imressqa ma jissussistux, l-esponenti xorta jhoss illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax issib htija.

Illi l-esponenti jinsab akkuzat bit-tentattiv tas-serq illi hija kkontemplata fl-Artikolu 41 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

***41.*** *(1) Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dan il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel, meta jinsab hati, barra minn meta l-ligi tghid espressament xort'ohra, -*

1. *(a) jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi;*

   *(b) jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba li l-hati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena ghall-atti li jkun lahaq ghamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-ligi.*

Illi l-esponenti jirrileva illi mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, u cioe' l-Artikolu 41, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.

2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.

3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat- tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Illi l-ahhar element legali li isawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b'xi mod tisfratta dina l-intenzjoni tad-delinkwent biex b'hekk ir-reat ma jigix ikkunsmat. Izda jista' jisussisti ukoll it-tentattiv tar-reat jekk il-hati jieqaf minn jeddu u f'dana il-kaz huwa ikollu limpunita u jehel il-piena ghal dawk l-atti li ikunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi.

Fi kliem il-**Pofessur Mamo**:

*"The law is satisfied if the desistance is voluntary, or in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will ... The concept of voluntary desistance includes both the forbearance of the agent from doing further acts of execution of the crime, as well as the counter-action of the agent directed to undo the acts already or to prevent their effects."*

Illi l-esponent umilment jirrileva illi *dato non concesso* illi jissussisti t-tentattiv dan ovvjament irid jigi inkwadrat jew taht is-subartikolu 1 (a) jew taht is-subartikolu 1 (b) li johloq differenza bejn iz-zewg subartikoli. Fil-fatt, jigi rilevat illi filwaqt illi subartikolu 1 (a) jittratta l-fatt meta delitt ma jkunx ġie esegwit minhabba xi haġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-hati filwaqt illi subartikolu 1 (b) jittratta l-fatt meta d-delitt ma jkunx ġie esegwit minhabba li l-hati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt. Illi meta jkun l-ahhar kaz l-akkuzat jehel biss il-piena ghall-atti li jkun lahaq ghamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-liġi.

Illi jigi rilevat illi fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova x'kienet ir-raguni allegatament il-ghala l-esponenti waqaf milli jkompli d-delitt. Illi jigi rilevat illi stante illi l-presunzjoni ghandha dejjem timmilita favur l-akkuzat wiehed irid jassumi illi l-esponenti waqaf milli jkompli bid-delitt minn rajh u mhux minhabba xi haga accidentali u indipendenti.

Illi skont **Sir Anthony Mamo**[3] :-

*"The law does not require that the desistance should be absolutely spontaneous, i.e. prompted solely by repentance or returning good feeling independently of any other motive....The law is satisfied if the desistance is voluntary , or, in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will."*

Illi dan ifisser illi f'dan il-kaz allura l-esponenti ma jistax jinstab hati tat-tentattiv ta' serq izda jrid jinstab hati biss tal-atti li huwa lahaq ghamel jekk dawn biss jikkostitwixxu delitt u illi f'dan il-kaz l-atti allegatament illi kienu diga' lahqu saru ma jikkostitwixxux reat fihom infushom.

Illi dan ifisser ghalhekk illi din l-Onorabbli Qorti trid tanalizza biss l-atti li lahaq allegatament ghamel l-esponenti u dan anke kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija [Spt A. Mallia] vs Omissis**[4]:

***L-appellant ghandu ragun. Din il-Qorti wkoll taqbel li l- appellant u shabu, bhala fatt, iddezistew mill-ghan taghhom li jkomplu jisgassaw il-fond biex jidhlu jisirqu; tant li, meta waslu l-Pulizija, kienu gja telqu minn fuq il-post. Ghamlux hekk ghax irrejalizzaw li bil-mezzi li kellhom ma kienx ser jirmexxilhom jidhlu jew ghax ma riedux jaghmlu storbju li seta' jinstema' mill-girien hu irrilevanti. Il-punt hu li, kif ikkonkludiet gustament l-Ewwel Qorti, huma kienu waqfu volontarjament milli jwettqu l-ghan taghhom.`***

…

---

[3] Notes on Criminal Law", Vol. I, (1958 edit.) p. 119

[4] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar 2009

*F' dan il-kaz ma rrizultatx l-impozizzjoni ta' xi forza estranea jew ta' xi haga accidentali w indipendenti mill- volonta' tieghu, fuq il-volonta' tal-appellant u shabu bhal, per ezempju, xi "hue and cry" mill-girien jew il-wasla fuq il- post tal-Pulizija li sfrattaw is-serqa incipjenti. Di fatti, kif xehdu l-istess Pulizija li marru fuq il-post, iz-zaghzagh kienu gja allontanaw ruhom minn hdejn il-fond in kwistjoni meta waslu hemm.*

*Issa skond l-artikolu 41 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, jekk id- delitt ma jkunx gie esegwit minhabba li l-hati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, jehel il-piena ghall-atti li jkun lahaq ghamel, jekk dawk l-atti ikunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi.*

*Ghalhekk f' dan il-kaz l-appellant ma kellux jinstab hati ta' tentattiv ta' serq, imma, se mai, ta' xi reat iehor li lahaq ghamel u fil-kaz partikolari tieghu ta' xi hsara volontarja jew tentattiv ta' hsara volontarja fuq il-bieb ta' barra tal- fond de quo, kif ex admissis sar minnu meta, kif qal, dahhal il-formatur bejn iz-zewg bibien u ta daqqa zghira bil-mazza.*

*Pero' dwar dan ir-reat jew it-tentattiv tieghu – kompriz u involut fih, l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni w, ladarba ma sarx appell minn din il-liberazzjoni mill-Avukat Generali, din il-Qorti hija issa prekluza milli ssibu hati hi ta' dan ir-reat ta' hsara volontarja jew it-tenttiattiv tieghu skond ir-rizultanzi.*

*Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi biss ghal dak li jirrigwarda lill-appellant odjern tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellant mill-akkuza ta' hsara volontarja taht it-tieni imputazzjoni w fejn astjeniet milli tikkundanna lill-appellant ghall-hlas tal-ispejjez tal-perizji a tenur tal-art. 533 tal- Kodici Kriminali w tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati ta' tentattiv ta' serq aggravat skond l-ewwel imputazzjoni w fejn ghamlet fil-konfront tieghu ordni ta' probation ghal tlitt snin, u ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni w provvediment ta' probation.*

Illi ghalhekk abbraccjati dawn il-principji suesposti jirrizulta illi l-esponenti semmai irid iwiegeb ghall-atti li lahaq ghamel [allegatament] u cioe' liema atti wehidhom ma jikkostitwixxux reat u ghaldaqstant ghandu jigi liberat.

**B. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Ligi Applikabbli fir-Rigward tas-Sejbien tal-Htija tal-hames, sitt, seba' u tmien Akkuzi migjuba fil-konfront tieghu BISS**

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi tista' tinstab htija biss f'dawn l-akkuzi jekk ovvjament l-esponent jinstab hati tal-attentat tas-serq stante illi dawn l-akkuzi relatati mal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest huma sussidjarji. Illi inoltre izda jigi rilevat illi jekk ghal grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti ssib htija f'xi akkuzi xorta ma tistax issib htija fir-rigward tal-akkuzi relatati mal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien.

Illi dan qed jinghad stante illi l-Prosekuzzjoni fil-kaz odjern resqet vera kopja ta' kull digriet illi ghandhom l-esponenti minghajr ma izda resqet lill-Ufficjal Prosekutur f'ta kull digriet sabiex jikkonferma illi tali kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ghadhom vigenti u illi tali kundizzjonijiet kienu vigenti fil-mument illi gie kommess ir-reat in kwistjoni.

Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti talAppell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Christopher Scerri</u>** deciza nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru 2017 fejn il-Qorti fuq mertu identiku qalet hekk:

*Fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni ressqet vera kopja ta' kull digriet awtentikat mirRegistraturi tal-Qrati u isegwi ghalhekk li dawn ikunu ezaminati seriatim;*

*11. Id-Dokument KA 4 huwa vera kopja ta' Digriet tal-Qorti Kriminali tat-23 ta' Dicembru 2013 moghti wara rikors ta' Christopher Scerri. F'dan id-digriet, il-Qorti kkoncediet il-helsien mill-arrest tal-istess Christopher Scerri bil-kundizzjonijiet, inter alia, li jirtira gewwa r-residenza tieghu mhux aktar tard mid-9 ta' filghaxija u li ma jistghax johrog qabel is-6 ta' filghodu u dan kontra depozitu ta' €10,000 u garanzija personali ta' €20,000 . Anness ma' dan id-digriet hemm formola ta' garanzija personali fl-ammont ta' €20,000 fejn jidher indikat ukoll in-numru tal-Karta' tal-Identita' tal-persuna li iffirmat din il-garanzija, jigifieri C. Scerri. Id-dokument KA5 imbaghad huwa Digriet ta' helsien mill-arrest moghti mill-Qorti talMagistrati (Malta) ukoll fil-konfront ta' Christopher Scerri fit-3 ta' Novembru 2014. Il-hin ta' rinkazar huwa ffissat bhala t-8 ta' filghaxija u ma jistghax johrog qabel it-8 ta' filghodu u dan, fost kondizzjonijiet ohra, suggett ghall-depozitu ta' €23,000 u garanzija personali ta' €30,000. F'dan id-dokument jidher biss isem Christopher Scerri minghajr forma ohra ta' identita'. Id-dokument KA6, imbaghad huwa digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), moghti fis-6 ta' Settembru 2010 ukoll fil-konfront ta' Christopher Scerri li bih inghata l-helsien mill-arrest suggett, inter alia, li jkun gewwa rresidenza tieghu mhux aktar tard mid-9 ta' filghaxija u ma jistghax johrog aktar kmieni mit-tmienja nieqes kwart ta' filghodu, kontra depozitu ta' €1,000 u garanzjija personali ta' €15,000.*

*Anke f'dan ilkaz ma hemm l-ebda forma ta' certezza li l-appellant huwa ilChristopher Scerri msemmi fid-digrieti indikati fid-dokumenti KA5 u KA6;*

*12. L-appellant ghalhekk ghandu ragun in parti ghaliex hija ghall-kollox assenti l-prova li Christopher Scerri msemmi fiddokumenti KA5 u KA6 huwa l-appellant odjern allura imputat. Lanqas ma jirrizulta li dawk id-digrieti inghataw fil-konfront ta' 9 Christopher Scerri qua imputat f'kawzi ohra minfejn allura tista' tkun konsiderata l-identita' tieghu;*

Illi f'kazijiet bhal dawn il-Qrati dejjem irritinew certu elementi illi jridu jigu ppruvati sabiex ir-reat jissussisti. Infatti, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Charles Paul Muscat,** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per

il-Magistrat Joseph Mifsud nhar il-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016), il-Qorti rriteniet is-segwenti:

*Il-Prosekuzzjoni sostniet: "l-prosekuzzjoni ezebit vera kopja tal-kundizzjonijiet tal-helsien mil-arrest datati 8 ta' Frar 2011 u fejn l-istess proskuzzjoni giet ezentata mid-difiza sabiex tressaq lil ufficjal prosekutur s-Supretendent Dennis Thuema bhala xhud tal-identita'. Illi fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-helsien mil-arrest tal-24 ta' Mejju 2013 bi zvista gie ezebit biss il-verbal tal-prezentata minghajr ma gew ezebiti l-vera kopja tal-kundizzjonijiet u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghadha tiehu in konsiderazzjoni l-kondizzjonijiet tat-8 ta' Frar 2011 biss."*

*Id-difiza rribattiet: "L-ufficjal prosekutur qed jghid huwa stess li "bi zvista gie ezebit biss il-verbal tal-prezentata minghajr ma gew ezebiti il-vera kopja tal-kundizzjonijiet". Il-fatt li l-prosekuzzjoni giet ezentata milli tressaq bhala xhud lill-Ispettur Dennis Theuma bhala xhud tal-identita` ma tistax taghmel tajjeb ghall-prova mankanti tal-kundizzjonijiet tal-bail li l-prosekuzzjoni qieghda takkuzah li kiser. Fil-kawza prezenti, galadarba ma gewx esibiti in atti l-kundizzjonijiet tal-bail, zgur li l-gudikant ma jistax jasal biex jara jekk kienx hemm xi kundizzjoni jew kundizzjonijiet tal-bail li gew miksura. Barra minn hekk, ix-xewqa espressa mill-prosekuzzjoni li "din l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-kondizzjonijiet tat-8 ta' Frar 2011 biss" mhix kompatibbli mal-principju legali "Quod non est in actis non est in mundo". **Il-konkluzjoni dwar ksur ta' xi kundizzjoni trid tirrizulta mill-atti u mhux minn xi assunzjoni jew finzjoni jew presunzjoni. Ghalhekk, jekk il-prova ma tinsabx fil-process, l-imputazzjoni ma treggix u ma tistax tinstab htija."** [...] Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-atti processwali u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.*

*Inoltre'*, fil-kawza bl-ismijiet **<u>Il-Pulzija v. Hussein Hamada,</u>** deciza mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) per il-**Magistrat Neville Camilleri** nhar it-13 ta' Jannar 2016, l-Onorabbli Qorti eccepiet is-segwenti:

***<u>F 'dan il-kaz, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eccetra il-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proceduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu nghataw</u>***

***<u>ikunu ghadhom pendenti fil-mument meta jkun gie allegat li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest.</u>*** *Dan ghaliex fil-kaz li dawk il-proceduri kriminali jkunu gew mitmuma, jintemmu wkoll il-kondizzjonijiet marbuta maghhom – salv il-kaz t'appell mis-sentenza fejn jistghu jkunu ritenuti vigenti skont l-Artikolu 416(1A) tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz din il-prova tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk* ***<u>il-Qorti ma tistax tassumi li ghadhom pendenti ladarba din il-prova ma ngabitx fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti sejra ssib li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi u b'hekk ser tillibera lill-imputat minnha.</u>***

Ghalhekk jigi rilevat illi anke fir-rigward ta' tali akkuzi l-appellant ghandu jigi liberat kompletament.

**C. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Ligi Applikabbli fir-Rigward tas-Sejbien tal-Htija tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu BISS**

Illi jigi rilevat illi anke fir-rigward ta' din l-akkuza l-Qorti ma kinitx legalment korretta u dan peress illi mhemmx prova cara u inekwivoka illi kien l-appellant de quo illi kien qed isuq l-imsemmija vettura u li kien responsabbli ghaliha u allura mhuwiex minnu illi huwa kellu r-responsabbilta' illi jassikura tali vettura stante illi mhuwiex minnu illi kien qed jaghmel użu mill-vettura. Inoltre jigi rilevat illi l-imsemmija vettura kienet reġistrata fuq *Tony Autoparts* u ma kinitx fuq ismu u allura iktar u iktar l-argument tal-appellant jaghmel sens u ghaldaqstant ghandu jigi liberat minn tali akkuza.

**D. Piena Erogata**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dan l-aggravju jirrigwarda l-piena. Illi huwa minnu li l-insenjament tal-Qrati superjuri dejjem sahaq li ma jiddisturbawx il-piena moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi fuq ton akkademiku, pero` l-esponenti ma

jaqbilx kompletament ma' tali insenjament. Illi dana peress li qabel mal-Qrati tal-Ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' 'sentencing policy' rigida, ma' jzommu certu konsistenza u omogenjita` fis-sentenzi taghhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jigri fil-kaz in ezami. Illi inoltre f'kull kaz Qrati ta' l-appell xorta ghandhom jidhlu f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eccessiva jew le.

Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena erogata hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li **l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f'dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**[5]:

*Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri,*

---

[5] Deciza mill-Qorti tal Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it- 8 ta' Novembru, 2008

*teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Anton Vassallo</u>**[6] intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-*

---

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Jannar, 2013

*komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Massimo Abela</u>** [7] intqal hekk:

*Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>**[8], il-Qorti qalet illi:*

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta'kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera'; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

---

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018

[8] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Settembru 2003

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **<u>Il-Pulizija vs Maurice Agius</u>**[9], il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat *in funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Anthony Wood</u>** din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

---

[9] App. Krim. nru 328/09

*Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta'* ***Anthony Wood****) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).*

**9.** *Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina apprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza,*

*tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* **R v. Sargeant** *:*

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

Illi inoltre l-esponent jaghmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' ***Principles of Sentencing*** (Heinemann, London, 1979), ta' **David Thomas**, fejn intqal illi:

> *"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)*

Illi inoltre', qieghda ssir referenza ghall-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry**[10], f'liema decizjoni l-Qorti tenniet:

> *F'dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f'hajtu. […]*
>
> *Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini talFacilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn […].*

---

[10] Moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' 24 ta' Marzu, 2014

Illi di piu' l-appellant jirrileva illi l-piena fil-kaz de quo hija eccessiva anke in vista tal-fatt illi l-fedina penali tal-appellant ghalkemm mhix wahda netta mhix wahda allarmanti.

Ghalhekk il-piena erogata kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi in breve l-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fil- 25 ta' Frar 2016 waqt li membri tal-iskwadra tar-Rapid Intervention Unit kienu fuq ir-ronda fi Triq it-Tigrija, l-Marsa lemhu vettura tal-ghamla Kia Shuma li kellha n-numru ta' registrazzjoni moghtija b'xi haga sewda;

2. Illi meta waslu lejn il-vettura innutaw li wiehed mill-passiggieri kien mghammad. Il-vettura saqet minn fuq il-post u l-Pulizija rnexxielhom iwaqqfuha fil-bypass tal-Marsa;

3. Gewwa l-vettura kien hemm it-tlett (3) imputati li skont l-Ispettur Fabian Fleri suppost kellhom ikunu rinkazati d-dar;

4. F'din il-vettura instabu diversi ghodod, '*sletch hammer kbir, crow bar kbira, imqass kbir erbgħa u għoxrin pulzier, pipe ta' l-chrome, xi ħadid, lampa, tlett pari ingwanti, żewġ balaklavi, baseball bat u xi ħwejjeġ oħra u instab ukoll portable radio li kien qiegħed fuq ic-channel ta' l-iskwadra ta' l-RIU, setgħu jisimgħu rradio ta' l-iskwadra tal-RIU.*'[11]

5. Irrizulta li kien hemm tentattiv ta' sgass gewwa banka tal-lottu li tinstab gewwa Triq it-Tigrija, l-Marsa;

---

[11] Skont ix-xhieda tal-Ispettur Fabian Fleri tad-9 ta' Marzu, 2016

6. Irrizulta li l-vettura misjuqa minn Keith Joseph Mallia ma kelliex licenzja valida u lanqas kellha polza tal-assigurazzjoni ghas-sigurta' ta' terzi persuni;

7. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati.

Illi wara s-sentenzi datati l- 4 ta' Frar 2020 fejn din il-Qorti annullat is-sentenza appellata fil-konfront ta kul akkuzat, din il-Qorti sejra tiddeciedi l-kawza mill-gdid bl-aggravji tal-appellanti jigu kunsidrati bhala sottomissjonijiet in difeza.

Illi din il-Qorti sejra ghalhekk tibda biex tqis l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra t-tlett (3) appellanti li taqra:
'*(l) bil-ħsieb li jagħmlu delitt u ċioe' delitt ta' serq minn ġewwa Banka tal-Lottu bin-numru 12 li tinsab ġewwa triq it-Tiġrija Marsa wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id- delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi il- 2,329.32 Euros (elf Lira Maltija), u bil-ħin għad-dannu ta' Louise Gerada, Felix Mifsud u/jew persuna/i oħra. (Artikoli 261(a) (b) (c) (f),262 (1) (b), 263 (a) (b), 267, 270, 277 (b)*'

L-appellanti jaghmlu numru ta' sottomissjonijiet dwar principji legali fosthom li l-Prosekuzzjoni trid tiprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni u dwar il-prezunzjoni tal-innocenza. L-appellanti jissottomettu li l-Prosekuzzjoni qed tibbaza ruhha biss fuq provi cirkostanzjali stante n-nuqqas ta' provi diretti f'dan il-kaz. Jissottomettu li sabiex il-Qorti ssib htija fl-imputat fuq provi indizzjarji, kull cirkostanza trid twassal ghall-istess konkluzjoni, u cioe' illi l-allegat reat sar mill-imputati. Jissottomettu li mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha, li ghandha tkun d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghal konkluzjoni jekk il-prosekzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju dettat mir-raguni. Jissottomettu li l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, din ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat kkometta dak id-delitt. Dwar it-

tentattiv ta' reat, l-appellant jissottomettu li l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz tal-hekk imsejjha atti preparatorji. Li bilfors irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Jissottometti li l-unici provi li hemm fil-konfront tal-esponenti huma l-fatt li nqabdu qrib il-post fejn sehh it-tentattiv ftit tal-hin wara. Mix-xhieda tal-membri tal-RIU, l-imputat kienu lkoll rekbin fil-vettura tal-ghamla Kia Shuma, u ippruvaw jaharbu milli jigu investigati jew arrestati meta gew intercettati mill-membri tal-RIU. Inoltre meta rnexxielhom jitwaqqfu, u saret tfittxija fil-vettura li kellha l-pjanci taghha mghottija irrizultaw diversi ghodda li jistghu jintuzaw ghal ksur jew sgass fi proprjeta'. Minbarra dan, instabu zewg balaklavi u ingwanti fejn kienu bilqieghda l-passigiera tal-vettura in kwistjoni. Li apparti minn hekk, mis-CCTV recording jirrizulta li kien hemm zewg persuni mghammda li avicinaw il-banka tal-lottu in kwistjoni u dawru l-cameras li kienu qeghdin jippuntaw fuq il-bieb tal-banka fejn essenzjalment sehh l-isgass u t-tentattiv sabiex jidhlu fil-hanut in kwistjoni. Jissottomettu li mill-istess filmat jirrizulta li dawn il-persuni kienu liebsin hwejjeg simili li kellhom l-imputati Mario u Clyde Mallia meta gew arrestati, tant illi l-Ufficjal Prosekutur kien ordna li jigu fotografati. Irrizulta wkoll mill-istess filmati li kellhom imqass imdaqqas f'idejhom li kien jixbah dak li nstab fil-vettura meta gew arrestati u li kienu uzaw din l-ghodda sabiex ilahhqu mal-kameras in kwistjoni u jdawwruhom il-fuq u l-boghod mill-bieb tal-banka. Matul it-tfittxija instab ukoll radio li kien imqabbad mal-frekwenza tal-RIU. Skont l-appellanti dawn wahedhaom mhux bizzejjed biex iwassal ghal konvinciment morali u lil hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni illi l-appellanti kienu qeghdin gol-post lesti biex jisirqu. Jissottomettu li ghalkemm allegatament il-hwejjeg kienu simili, ma giex ippruvat li kienu l-istess hwejjeg u b'kull rispett il-hwejjeg milbusin mll-appellanti ma kellhomx xi haga partikolari li twassal biex tghid illi dak il-flokk jew qalziet kellu biss l-appellant. Li ma kien hemm l-ebda fingerprints jew DNA u l-Prosekuzzjoni lanqas biss gabet xi call profile biex turi li huma kienu f'dak il-post fil-hinijiet precedenti. Skont l-appellant, il-Prosekuzzjoni ghandhom nuqqasijiet enormi fil-provi tal-prosekuzzjoni, liema

nuqqasijiet ghandhom jimmilitaw favur l-appellanti. Jissottomettu li l-Prosekuzzjoni naqset li ggib provi ohra fosthom xi elevar tal-fingerprints, xi nies ohra li forsi raw il-movimenti tal-allegati persuni li kienu involuti fis-serqa u affarijiet ohra. Jissottomettu li kull Qorti u partikolarment Qorti ta' Gudikatura kriminali, ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li tista' ggib. Jissottomettu li l-Qorti tista' biss tispekula dwar jekk l-imputati kellhomx xi involvimenti u li l-provi migjuba huma pjuttost dghajfa.

Din il-Qorti sejra tqis il-provi principali migjuba mill-Prosekuzzjoni f'din il-kawza. L-Ispettur Fabian Fleri fis-seduta tad- 9 ta' Marzu 2016 xehed fost affarijiet ohra li '*fil-25 ta' Frar, 2016, membri ta' l-iskwadra ta' l-RIU PC 918 u PC 1189 li kienu fuq ir-ronta fi Triq it-Tigrija, l-Marsa kienu nnutaw vettura ta' l-għamla Kia Shuma illi kellha n-number plates ikkaverjati b'xi ħaġa sewda, b'xi tip ta' borża sewda. Dawn meta waslu ħdejn din il-vettura innutaw li wieħed mill-passiggieri kien mgħammad. Din il-vettura saqet minn fuq il-post u l-Pulizija irnexxielhom iwaqfuha fil-by pass ta' l-Marsa. Ġewwa l-vettura kien hemm Keith Joseph Mallia li qed ngħarfu bħala l-imputat bil-qiegħda fin-nofs, Mario Mallia li qed ngħarfu bħala l-imputat bil-qiegħda fuq il-lemin ta' Keith Mallia u Clyde Mallia li qed ngħarfu bħala l-imputat li qiegħed bil-qiegħda fuq in-naħa tax-xellug ta' Keith Mallia. Dawn it-tlett persuni kienu magħrufin magħna u kienu suppost dak il-ħin rinkazati d-dar tagħhom fuq bails rigward kawżi oħra.*' Spjega li '*Saret search fil-vettura u fis-search instabu diversi għodod, sletch hammer kbir, crow bar kbira, imqass kbir erbgħa u għoxrin pulzier, pipe ta' l-chrome, xi ħadid, lampa, tlett pari ingwanti, li kien qiegħed fuq ic-channel ta' l-iskwadra ta' l-RIU, setgħu jisimgħu r-radio ta' l-iskwadra ta' l-RIU.*' Spjega li '*it-tlieta li huma kienu ammettew li qiegħdin barra wara l-ħin u r-raguni li tawni huma li riedu jmorru jixtru ħobża mill-Marsa imma ddecidew li jmorru t-tlieta flimkien. Staqsejthom fejn hi din il-bakery u spjegali Clyde Mallia li din kienet qiegħda xi ħamsin metru 'l bogħod minn din il-banka ta' l-lottu imma qalli li ħin minnhom kienu missierhom baqa' fil-karozza u hu u huh niżlu u anke imxew u waqfu quddiem din il-banka ta' l-lottu. Staqsejthom missewx il-banka ta' l-lottu jew ippruvawx jidhlu fiha imma huma qaluli li ma kienxu huma.*' Spjega li peress li mill-filmat innota li kellhom il-hwejjeg l-istess, ordna li jiehu ritratt ta' kull persuna kif kien liebes gewwa l-lock up u qalu lis-Sinjura Mallia

iggib hwejjeg ohra mid-dar u l-hwejjeg kollha gew elevati.

Fir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 121 et sequitur u mmarkat bhala Dok FF1 tnizzel li '*Illum 25/02/2016 ghal habta ta 03:45hrs gejna nfurmati minn Pc922 (RIU) li Pc's 918 u 1189 kienu fuq ronda fi Triq it-Tigrija Marsa u nnutaw vettura ta l-ghamla Kia Shuma li kellha numri tar-registrazzjoni mghottija u bhekk ma kienux vizibli. L-Pulizija mill RIU avvicinaw il-vettura u stabillixxew li fl-imsemmija vettura kien hemm tlett persuna fejn wiehed minnhom riekeb wara kien liebes balaklava.*

*L-Vettura giet mwaqqfa f' Marsa Bypass wara li xufier pruva jerga jsuq minn fuq il post fejn l-Pulizija hadulu cavetta tal vettura u t-tlett units gew mahruga u arrestati.*

*Tfittxija fil-vettura ta l-Ghamla Kia Shuma bin numru tar-registrazzjoni ACB 123 giet affettwata minn Pc918 fejn gew elevati diversi ogetti fosthom Mazza Kbira, Lieva, Mqass li jaqta l hadid (24''), tlett turnaviti, Pajp tal chrome, hadida tal gakk, lampa hamra portabbli, radju portabbli programmmat ma sistema tal-Pulizija, tlett pari ngawnti, Hoodie, skufja kbira, zewg balaklavi bluni w beritta...*'

**PC 596 Christopher Long** xehed fis-seduta tad- 9 ta' Marzu 2016 fejn spjega li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar fl-erbgha nieqes kwart ta' filghodu '*ircevejna telefonata l-għassa ta' l-Ħamrun mill-membri tar-Rapid Intervention unit fejn dawn kienu għadhom kemm waqfu vettura li kellha l-pjanci mgħottijin u kienet qed issir xi tfittxija go l-vettura. Jiena rrikorrejt fuq il-post. X'ħin wasalt sibt it-tlett imputati hawn hekk preżenti fl-awla li kienu diġa' mmanetjati u qiegħdin bil-qiegħda fl-art. Il-membri ta' l-RIU għamlu tfittxija fil-vettura fejn sabu diversi oġġetti. Jiena infurmajt lil Ispettur minn naħa tiegħi fejn dan ordna jiġifieri li jittieħdu l-lock up għal aktar investigazzjonijiet.*' Spjega ukoll li l-vettura waqfuha Marsa bypass qabel taqbad ir-roundabout tas-suffarini. **PC 1189 Jurgen Falzon** fis-seduta tad- 9 ta' Marzu 2016 spjega li fil- 25 ta' Frar 2016 '*fl-erbgħa nieqsin kwart ta' filgħodu konna fuq ir-ronda fuq l-area ta' l-Marsa u kont ma' l-kollega tiegħi PC 918 u konna għaddejjin fil-main road ta' l-Marsa ezattament mill-mini ta' Santa Venera direzzjoni għal Aldo Moro eżatt fejn hemm il-Clentec ilmaħna vettura fi Triq it-Tigrija qiegħda ipparkjata quddiem Cold Stores abbandunat*

*hemm hekk u qanqlitilna suspett, dorna ma' l-bokk jiġifieri ġejna għal Triq it-Tigrija u kif soqna, saqet din il-vettura u nnutajna kif eżatt gejna iktar viċin fid-distanza, innutajna li n-number plate ta' wara ma kienx viżibbli, kif ġejna magħha erġajna fil-main road ta' l-Marsa ġejna hekk tieqa ma' tieqa indunajt li l-passiggier ta' quddiem kien mgħammad, kif indunajna hekk għajjatna għal assistenza l-control room tagħna u xegħelna l-beakon light u kien dak il-ħin li l-vettura rassitna, qtajna naqra lura u ergajna ġejna u għalaqna t-triq, immedjatament ħriġna mill-vettura, il-kollega tiegħi mar in-naħa tax-xufier PC 918 mar in-naħa tax-xufier u jiena mort in-naħa tal-passaggier, sa dan it-tant il-passiggier leħaq neħħa l-balaklava u rajna li ma kellhom iktar xejn f'idhom u bdejt ngħidilhom biex jgħollu idhom biex narawhom, naraw li jkollhom idhom viżibbli u erġajt mort fil-vettura biex ngħajjat x'inhi s-sitwazzjoni u jigu l-back up u dak il-ħin erġajt mort ħdejn il-kollega tiegħi qisu dawk it-tlett metri 'l bogħod, għamilna s-sinjal lejn xulxin biex ħa naħdmu ... għal arrest ta' dawn il-persuni. Il-kollega tiegħi mar in-naħa tax-xufier biex jarrestaħ u jiena mort in-naħa ta' l-passiggier. F'dak il-ħin il-karozza kienet għada startjata u l-kollega tiegħi qalalu c-cavetta pero din il-vettura baqgħet starjat fhimt.'* Spjega '*jien kont in-naħa ta' l-passiggier, il-vettura imxiet lura u f'daqqa minnhom intfiet, illokjat l-stearing u intfiet u rrikorrejna għal arrest, arrestajt lil passiġġier, il-passiggier ta' quddiem kien Mario ta' dik in-naħa u l-passiggier ta' wara kien it-tifel ta' dik in-naħa Clyde u imbagħad ġew is-Surgent u gew tad-distrett.*' Jghid li l-passigier ta' quddiem li huwa Mario kien liebes balaklava. Spjega li kien prezenti izda t-tfittxija saret minn PC918. Spjega li '*Dak il-ħin waqt li konna qed nagħmlu t-tfittxija jiena ħadt xi ritratti minn fuq il-mobile, instabu l-balaklavi waħda minnhom għaraftha li kien liebes il-passiggier ta' quddiem li huwa Mario u waqt li konna qed nagħmlu tfittxija kien hemm radio għax il-control room għajtet, sa dan it-tant waqt li kienet qed tgħajjat għajtet unit oħra u nstema' r-radio li l-control room kienet qed tgħajjat jiġifieri kien fuq ic-channel ta' l-mobile.*' Jghid li rah u semghu ic-channel tal-mobile. Spjega li r-ritratti li jinsabu bhala Dok JF1 hadhom hu.

**PC 918 Clayton Azzopardi** fis-seduta tad- 9 ta' Marzu 2016 xehed li '*fil-25 ta' Frar, li għadda 2016 għal ħabta ta' l-erbgħa nieqes kwart waqt li kont duty patrol flimkien ma' PC 1189 kollega tiegħi konna qiegħdin insuqu l-vettura tas-servizz mill-mini ta' Santa Venera direzzjoni lejn Triq Aldo moro l-Marsa l-kollega tiegħi nnota vettura dak il-ħin ipparkjata ġewwa Triq it-*

*Tigrija, l-Marsa li kien hemm xi nies ġewwa fiha dak il-ħin li ma huwiex is-soltu għax hemm hekk ma huwiex daqs hekk abitabbli u qalli ara dik il-karozza hemm in-nies go fiha, ħarist u rajt vettura griża ipparkjata wiċċha 'l quddiem go binja fejn qabel kienet cold stores, nafuha sew għax aħna dik l-area nduru dejjem f'dik l-area u sa kemm dorna mill-by pass ta' l-Marsa direzzjoni għal Triq it-Tigrija hekk jiġifieri ġejna go Triq it-Tigrija il-vettura li kienet ipparkjata hemm hekk go d-daħla ta' fejn kienu l-cold stores inqalgħet minn fuq il-post u saq biex joħroġ għal main road. Soqna warajh immedjatament u ġejna warajh hekk u nnutajna li dak il-ħin ma kienx hemm pjanċa fuq wara ġejna miegħu biex inkellmuh biex jitfa' fil-genb u l-istess il-kolelga li kien dak il-ħin passiġġier għax jien kont qed insuq, qalli għandu balaklava go wiċċu, għandu wiċċu mgħotti dak il-ħin. Kif ġejna hekk miegħu ta' salt dawwar l-isteering hekk biex isuq għal fuqi, żammejt brake il-kollega għajjat għal assistenza li ħa nwaqqfu karrozza x'aktarx mgħammdin jiġifieri hu kompla jsuq dritt fuq l-slow lane, tajt issalt, tajtha l-gass u tfajt quddiemu, għalaqt it-triq, inzilna u l-kollega niżel minn naħa ta' l-passiggier u jiena nzilt minn naħa tax-xufier jiġieri bl-arma, dak il-ħin ħriġna l-arma, l-arma ovvjament ... ready position kif mgħalmin jiġifieri stand by 'l isfel jiġifieri qatt ma ġiet ipuntata lejhom, il-kollega l-ewwel li ħareġ għax il-vettura kienet slanting hekk, ħareġ il-kollega, ħareġ minn naħa ta' l-passiggier u beda jgħidilhom itftgħu idejkom fejn narawhom u ticcaqalqux, inzilt jien u dejjem żammejna d-distanza u bdejt inkellem lix-xufier biex ... kien fil-vettura u ma jiċċaqlaqx, għamilli sinjal il-kollega li ili naħdem miegħu kważi sentejn li sejjer biex jersaq lejn il-vettura biex jitlob iktar assistenza, bqajt bl-arma u bqajt nagħtihom l-ordnijiet, jiġifieri dak il-ħin kienu għadhom ma ccaqalqux u bdew jisimgħu minna. Ix-xufier li qed ngħarfu li qiegħed fin-nofs Keith dak il-ħin qalli ħalina mmorru Sir qisu qatt ma gara xejn għax aħna ġejna nixtru l-ħobz bħal issa, dak il-kliem qalli, qalli ġejna nixtru l-ħobz, qalli ħallina ħa mmorru, bqajt inkellmu jiġifieri kont qiegħed waħdi dak il-ħin, gie l-kollega l-istess għamilli sinjal, poġġejna l-arma fil-holdster, ersaqt lejh, tajt is-salt u ħadtlu c-cavetta, qlajtlu c-cavetta minn gol-ignition, il-karozza baqgħet starjata jiġifieri dak il-ħin u hu qisu beda jippanikja qalli illoka l-stearing, illokja l-stearing qalha xi tlett darbiet, illokja l-isteering, illokja l-isteering, daħħal ir-revers jiġifieri jiena kont viċin tiegħu għax kont għadni kemm qlajtlu l-ignition u pprova isuq jiġifieri li ma ressaqtx saqajja kien jirfisni dak il-ħin pprova jsuq bir-reverse, ħtaflu idejh dak il-ħin u rwejtilu lura ma' l-bieba hekk, ilokjajtu biex, beda jwegga' beda jgħid ah, ah, ah u tefa' l-karozza, ħriġnieh, arrestajtu, immanetjajtu lilu u l-kollega tiegħi*

*immanetja l-passiggier l-ewwel wieħed li kien hemm quddiem lil kbir, il-qasir Mario kien mela ta' dik in-naħa u ħriġna ovvjamant lil ieħor ... u tfajnihom barra t-triq fuq il-bankina dak il-ħin fuq suspett ta' serq peress li kienu bil-balaklava u hekk u kien hemm l-affarijiet li kien rilatati mas-serq, tajnihom id-drittijiet u stennejna l-back up dak il-ħin.*' Spjega li '*il-kbir Mario li huwa bħala statura iqsar mill-ieħor kien qiegħed fuq quddiem, l-ieħor it-twil kien qiegħed fuq wara. Dak fuq wara jiena osservajtu inehhi xi ħaġa minn fuq wiċċu dak il-ħin meta jiena lil dak rajt bil-balaklava.*' Ghalhekk ma jirrizultax kjarament minn mill-passigieri u cioe' kienx Clyde jew Mario Mallia li kien ghadu bil-balaclava imlibbsa meta gew intercettati mill-Pulizija. Filwaqt li PC 918 Clayton Azzopardi jindika l-passigier ta' wara bhala dak li kien bil-balaklava, PC 1189 Jurgen Falzon jindika lil passigier ta' quddiem bhala dak li kien bil-balaklava. PC 918 Clayton Azzopardi mistoqsi kemm hemm distanza minn din il-banka tal-lottu ta' Triq it-Tigrija l-Marsa ghal fejn kienet ipparkjata l-ewwel darba l-vettura qal li bejn wiehed u iehor it-tul tal-awla numru sitta (6) u l-kurutur ta' barra sal-ghaxra (10). Spjega li wahda mill-balaklavi kienet fuq wara fuq in-naha tal-passiggier fuq ix-xellug tal-karozza fejn kien wiehed mit-tfal, par ingwanti ukoll kien fuq wara, par ingwanti fuq quddiem bejn il-glove compartments u ohrajn mal-art fuq quddiem in-naha tal-passiggier qudddiem. L-istess kien hemm hoody li kienet mal-art in-naha tal-passiggier mal-art u din kienet fuq in-naha tal-passiggier quddiem jigifieri balaklava ohra. Dawn kollox quddiem kien, kien hemm beritta u parti qisha mill-gakketta, u l-Qorti f'din ix-xhieda kkumentat '*Hood*'. Dawk instabu fil-karozza. Bhala ghodda spjega li '*Dan il-pipe kien fuq in-naħa tax-xufier eżattament bejn seat u ieħor fejn kien hemm Keith ix-xufier sewwa ... bażikament kollha kienet bejn seat u ieħor fuq in-naħa ta' l-passiggier ...*' Dwar l-ghodda qal li '*imqass li intuża biex, imqass 24 inch..., kien hemm ħadida ta' l-gakk kbira li dawn kollha għax kienu kif għid bejn seat u ieħor*.' Kull ma kien hemm fil-luggage booth kienet lampa, il-bqija kollox fuq quddiem, kollox fuq naha tal-passiggier. Spjega li r-radio tal-pulizija kien fuq is-signal taghhom ghax semgha kollega tieghu fuq bicca xoghol ohra u anke semha lilu nnifsu.

L-**Ispettur Robert Vella** fis-seduta tal- 4 ta' Jannar 2017 xehed li '*fil-25 ta' Frar, tal-2016*

*għal ħabta ta' l-3,45 ta' filgħodu kien hemm il-unit ta' l-RIU li kienet għaddejja minn gewwa Race Course street, il-marsa u f'ħin minnhom lemħet vettura ta' l-għamla Kia Shuma illi kellha n-number plates mgħottijin b'garbage bag, kienu nnutaw ukoll illi wieħed mill-persuni li kien qiegħed fl-istess vettura kien liebes balaklava. Din il-vettura saqet minn fuq il-post pero z-zewg Pulizija ta' l-RIU li kienu PC 918 u PC 1189 saqu għal warajha u rnexxilhom iwaqfuhom fil-bypass ta' l-Marsa u wara li għamlu l-verifika rrizulta li dawn it-tlett persuni kienu Keith Joseph Mallia, Mario Mallia u Clyde Mallia. Dawn għamlu search fil-vettura Kia li twaqfet li rrizulta li n-number plate tagħha kien ACB 123 u go din il-vettura sabu numru ta' għodda fosthom crow bar, martell, ingwanti, zewg balaklavas, base ball bat u kif ukoll gakketta bil-hoody. Dawn il-persuni li gew arrestati minnu fih u ttieħdu l-lock up ta' l-Furjana, ovvjament il-vettura giet elevata u kif ukoll ittieħdet lejn ic-CID yard biex isiru l-investigazzjonijiet kollha necessarji, gew elevati ukoll l-għodod kollha li kienu nstabu f'din il-vettura u fil-fatt kienu anke ezebiti quddiem din l-Onorabbli Qorti f'seduta mill-Ispettur Fabian Fleri. Eventwalment l-għada filgħodu għal ħabta tad-disgħa u nofs, l-għassa ta' l-Ħamrun il-Pulizija rcevew rapport minn certu Louise Gerada, ID Card number 25371 M li taħdem gewwa l-banka ta' l-lottu sitwata gewwa Race Course Street, il-Marsa fejn hi indunat li kien hemm, xi ħadd kien pprova jisgassa u jidħol go din il-banka ta' l-lotto.*' Huwa ghamel referenza ghal CCTVs fejn zewg persuni kienu libsin balaklava u kellhom imqass kbir fejn bl-imqass caqilqu l-cameras biex iharsu l-fuq. Li l-istess imqass u l-balaklavas instabu fil-pussess tal-familja Mallia meta dak in-nhar stess gew arrestati mill-Puliizja tal-RIU u minn tad-Distrett tal-Hamrun. In kontro-ezami qal li l-imqass u l-balaklava kienu jidhru l-istess mill-video, l-istess size u l-istess kulur. Kien imqass normali, kienu balaklavi normali pero simili ghal dawk li nstabu fil-pussess tal-imputati.

**PS 1236 Joseph Gatt** xehed fid- 9 ta' Marzu 2016 fejn spjega li kien infurmat mill-operatur tal-banka tal-lottu li sab xi sgass u mar jiehu r-rapport fuq il-post. Hu tkellem ma' persuna femminli certa Louise li cemplet lil imghallem certu Felix ghalkemm ma rahx b'ghajnejh. Mar fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) fi 12, Triq it-Tigrija, Marsa. Spjega li '*fuq il-post wieħed jista' jgħid li kellu bieb ta' l-ħadid. Dan il-bieb ta' l-ħadid kien jinqafel b'katnazz iżda dan l-attentat sar meta s-Sinjuri li ppruvaw jidħlu*

*hemm gew, qatgħu l-bieb flok il-katnazz, qatgħu fejn jidhol il-lock ta' l-katnazz iżda għal xi raġuni ma daħlux għal antiporta.*' Fir-rapport tal-Pulizija a fol 106 et sequitur tnizzel fost affarijiet ohra li '*Pulizija ntalbu jassistu fil-post imsemmi minhaba rapport illi certa*' *Louise Gerada id 25371M kienet irraportat illi dalghodu hekk kif marret sabiex tiftah il-hanut msemmi ndunat illi persuna/I mhux maghrufa kienu ppruvaw jisgassaw il-hanut li uzat bhala Banka tal-Lottu.*

*PS 1236 mar fuq il-post fejn hemm gie stabbilit illi persuna/I mhux maghrufa qataw bicca mill-bieb ta barra sabiex johorgu il-karnazz u jisgassaw il-bieb. Ghal xi raguni dan ma sehh hekk kif il-bieb ta' barra gie sgassat izda l-anti porta kienet ntatta....* '

**Louise Gerada** li xehdet fid- 9 ta' Marzu 2016 spjegat li tahdem go banka tal-lottu l-Marsa bin-numru 362 u mistoqsija dwar l-indirizz qalet li '125' jihdrilha jekk mhux sejra zball Course Race street, Marsa, spjegat li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar waslet '*t-tmienja u kwart ix-xogħol is-soltu u minn go l-karozza ma narax il-katnazz, cempilt mill-ewwel lil Felix Mifsud u għidlu mela ma għamiltx il-katnazz, bqajt miexja sa l-gate u kif nasal fejn il-gate insib il-ħoloq fejn jidħol il-katnazz imkisser u kont għadni qed inkellmu għidlu hawn il-ħoloq imkissrin u qalli ċempel mill-ewwel lil Pulizija u cempilt id-depot. Ippruvajt niftaħ il-gate ma stajtx biex nara jekk hemmx xi ħaġa ġewwa, imbagħad tajtha daqqa ta' sieq u nfetħet il-gate, ftaħt il-bieb u ġewwa, dħalt ġewwa jiġifieri u sibt li kollox kien go postu għadu. Sa dan it-tant kont qed inkellem lid-Depot qabditni ma' l-għassa jidhirli ta' l-Ħamrun u l-Pulizija qalli gejjin u wara ftit ġew il-Pulizija.*' Spjegat li Felix Mifsud huwa l-imgħallem u l-proprjetarju tal-banka. Mistoqsija jekk il-banka tal-lottu ghalqitha hi qalet li le filghaxija ma kinitx xoghol, jidhrilha li Felix kien xoghol filghaxija. **Felix Mifsud** li xehed fl-istess seduta spjega li dak in-nhar fethet l-banka Louise u cemplulu li sabu l-katnazz sgassat, l-ewwel qalu li ma sabux katnazz, mill-karozza ma rawx il-katnazz u kif marru qalu anke l-holoq sgassati u meta jigri hekk bhala banka tal-lottu mal-ewwel icemplu lil Pulizija. Il-banka tinstab fi Triq it-Tigrija, l-marsa fejn il-BOV. Huwa ghalaq l-Erbgha xi l-hdax ta' filghaxija. Spjega li tohrog minn hemm hekk, tixghel l-alarm, wara li titfi kollox, tixghel l-alarm, ibatlu kollox go fiha ma jhallu xejn, ghandu l-bieb tal-aluminium bil-lock security u ghandek il-katnazz tal-gate. Infurmatu Louise bejn it-tmienja u disgha ta'

filghodu b'dak li kienet sabet. Il-banka ghandha n-numru 362. Bhala indirizz 12 jew 12a Triq it-Tigrija, l-Marsa. Jghid li meta ghalaq il-bieb il-lejl ta' qabel il-hsara ma kinitx hemm. L-alarm imqabbad mat-tieni bieb il-gewwa kollu. Iccempel lil Pulizija, u hames postijiet. Dak il-lejl ma daqx. Jghid li b'referenza ghal fol immarkat bhala FF 8 li hija tal-magna tas-sigaretti li ma ghandhomx x'jaqsmu maghha huma. Cemplilhom u ghamlulu stock ta' x'fiha. L-magna kienet faccata l-bieb mal-counter. Bhala hsarat ghandu l-grada u ghandu quotation. Spjega li '*fiha ir-replacement ta' żewġ katnazzi, il-ħoloq ġodda u l-spare keys li nagħmlu għax peress li aħna nibdlu s-shift irrid naqta' c-cwievet ġodda plus li għandha r-replacing meta qata' l-ġoloq li kienu maqtugħin u waħħalna l-ħoloq il-ġodda.*' Xehed li bil-VAT b'kollox il-hsara tammonta ghal 805.94. Din giet esebita bhala FM1. Spjega li kien prezenti meta gie l-Puliizja u eleva l-filmat u xehed li c-CCTV ghadu bil-hin tas-sajf. **PS 1147 Antoine Fenech** fix-xhieda tieghu tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega li '*l-inkarigu tieghu kien li 'nagħmel download ta' footage mis-sistema tac-CCTV li kellu installata fil-banka, liema download kien ikopri l-fond minn barra. Il-hinijiet rikjesti kienu ta' l-25 ta' Frar, 2016 għal ħabta tat-tlieta u għoxrin ta' filgħodu u meta spezzjonajt is-sistema skoprejt li kellha erbgħa u ħamsin minuta b'lura jigifieri l-ħin ma kienx reali. Id-download saret u l-ħin li ġie idwnlowdjat għal fuq is-sistema kien ta' l-erbgħa nieqsin kwart sa l-ħamsa ta' filgħodu..*' **Dr Steven Farrugia Sacco** mahtur mill-Qorti biex jaccedi fil-banka tal-lottu sabiex wara li jkun analizza l-apparat li jirregistra u li jahzen l-immagini migbuda mic-CCTV installata jaghmel download ta' dawk is-siltiet irrekordjati mill-istess sistema li huma rilevanti f'dan il-kaz, li jahzinhom fuq medium li jkun jista' jigi moqri mil-Qorti u anke sabiex jezamina l-filmat li gie eebit fuq CD u johrog l-istills relattivi minnu. Fir-relazzjoni tieghu a fol 236 et sequitur spjega li '*id-DVR qiegħed 'l quddiem b'tlieta u hamsin minuta u sitta u hamsin sekonda [+00:53:56].*'

Gie ipprezentat rapport tas-Scene of Crime Officers **PS186 Kristian Mintoff u PC 959 Daniel Formosa** li accedew fuq il-post nhar il- 25 ta' Frar 2016 fejn fost rizultanzi ohra f'dan ir-rapport indikaw li 'l-esponenti innutaw illi ġewwa l-post inkwistjoni ma kien hemm l-ebda taqblib jew indikazzjoni ta' serq. Huma ġew mgħarrfa illi l-unika ħsara illi

kien hemm kienet illi żerġ ħoloq tal-ħadid illi kienu parti mil-antiporta tal-ħadid kienu ġew imqaċċta sabiex jitneħħa katnazz illi kien iżomm din l-antiporta msakra. Is-sur Mifsud għarraf lill-esponenti illi il-katnazz imsemmi ma kienx instab. Il-ħoloq jidher li ġew imqaċta b'għodda ta' tip ta' mqass tal-ħadid jew xi ħaġa simili. L-esponenti setgħu jinnutaw marki ta' din l-għodda fuq dawn iż-żewġ ħoloq tal-ħadid. Gew ipprezentati numru ta' ritatti u **PC 959 D. Formosa** eleva tlett (3) impressjonijiet tal-marki tal-għodda li kien hemm fuq il-ħoloq tal-antiporta tal-ħadid tal-fond. Din ir-relazzjoni tinsab a fol 311 tal-atti processwali.

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghall-insenjament tal-Qrati dwar provi indizzjarji. Tibda' biex issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana'**[12] fejn gie ikkunsidrat '*Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat*.'

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Dylan Agius ID 401187(M))'**[13] ikkunsidrat:

*Illi l-gurist Ingliz Pollock C.B*[14] *jiddeskrivi l-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal- univocita`*

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Novembru 2001

[13] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Lulju, 2016 (Kawza numru: 83/2011)

[14] Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata 10 fis-sentenza itata.

*tagħha bis-segwenti mod:*

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of."* (Emfazi mizjuda)

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta v. omissis Rida Salem Suleiman Shoaib omissis**'[15] gie kkunsidrat:

**'12.** *Nigu issa ghall-aggravji dwar it-tieni kap (limitatament kif fuq spjegat). Kif tajjeb josserva l-appellant, il-prova, jew ahjar provi, dwar dan it-tieni kap in kwantu jirreferu ghad- dsatax-il "sapuna" tar-raza tal-cannabis huma, tista' tghid kollha indizzjarji. Kif inhu risaput, prova indizzjarja fil-kamp penali tista' tkun ferm aktar importanti minn prova diretta, izda tali prova ghandha dejjem tigi ezaminata bl-akbar reqqa. Il-principji li jirregolaw dan il-kamp tal-provi huma spjegati fi* ***Blackstone's Criminal Practice 2008*** [16] *hekk:*

***"Circumstantial evidence is to be contrasted with direct evidence. Direct evidence is evidence of facts in issue. In the case of testimonial evidence, it is evidence about facts in issue of which the witness claims to have personal knowledge, for example, 'I saw the accused strike the victim'. Circumstantial evidence is evidence of relevant facts, i.e. facts from which the existence or non-existence of facts in issue may be inferred. It does not necessarily follow that the weight to be attached to circumstantial evidence will be***

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar, 2009 (Numru: 14/2003)

[16] O.U.P. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) tas-sentenza citata.)

*less than that to be attached to direct evidence. For example the tribunal of fact is likely to attach more weight to a variety of individual items of circumstantial evidence, all of which lead to the same conclusion, than to direct evidence to the contrary coming from witnesses lacking in credibility.*

*"Circumstantial evidence 'works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities' (DPP v. Kilbourne [1973] AC 729 per Lord Simond at p. 758). Pollock CB, likening circumstantial evidence to a rope comprised of several cords, said:*

*'One strand of the cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion; but the whole, taken together, may create a strong conclusion of guilt, that is, with as much certainty as human affairs can require or admit of.' (Exall (1866) 4 F & F 922 at p. 929)*

*"However, although circumstantial evidence may sometimes be conclusive, it must always be narrowly examined, if only because it may be fabricated to cast suspicion on another. For this reason, it has been said that: 'It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference' (Teper v. The Queen [1952] AC 480, per Lord Normand at p. 489). Nontheless, there is no requirement, in cases in which the prosecution's case is based on circumstantial evidence, that the judge direct the jury to acquit unless they are sure that the facts proved are not only consistent with guilt but also inconsistent with any other reasonable conclusion (McGreevy v. DPP [1973] 1 WLR 276)."* [17]

---

[17] Pagni 2279-2280, para. F1.16. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hamsa (5) tas-sentenza citata.

Din il-Qorti tqis li ghalkemm il-Prosekuzzjoni ma elevat l-ebda impronti digitali bhal fingers prints u lanqas DNA mal-kancell tal-fond in kwistjoni, tressqu bizzejjed prova indizzjarji li jorbtu lill-appellanti mal-attentat ta' sgass tal-fond in kwistjoni. Filfattt fil-filmati esebiti jidhru zewg persuni b'wicchom mghotti b'ghodda li permezz taghha dawra l-cameras fejn jidhru li libsin ilbies simili bhal dawk li kienu liebsin Clyde u Mario Mallia meta gew arrestati, jirrizulta ukoll li skont ir-relazzjoni tas-Scene of crime officers PS 186 Kristian Mintoff u PC 959 Daniel Formosa a fol 307 et sequitur irrizulta li '*Il-ħoloq jidher li ġew imqaċta b'għodda ta' tip ta' mqass tal-ħadid jew xi ħaġa simili.*' Ghalkemm f'din ir-relazzjoni jirrizulta li gew elevati tlett (3) impressjonijiet tal-marki tla-ghodda li kien hemm fuq il-holoq tal-antiporta, ma jirrizultax li sar xi ezami ta' mechanical fit.

Jirrizulta ukoll izda li nstabet ghodda fil-vettura fejn instabu l-imputati fosthom imqass. F'din il-vettura instab ukoll Keith Joseph Mallia. Jirrizulta li l-imputati intlemhu fil-vettura fi Triq it-Tigrija Marsa u ghalhekk vicin il-banka tal-lottu, jirrizulta li mhux biss il-pjanca ta' registrazzjoni tal-vettura kienet mghottija, izda wiehed mill-imputati kien ghadu b'wiccu mghotti bil-balaklava. B'zieda ma dan, fil-vettura instabu ingwanti, balaklava u numru ta' ghodda fl-istess vettura li jistghu jintuzaw ghall-isgass. In oltre' jirrizulta li fil-vettura kien hemm anke radio li kien qieghed fuq ic-channel tal-RIU u in oltre' meta l-imputati gew avvicinati mill-membri tal-RIU dawn saqu u meta gew imwaqfa f'mument minnhom Keith Joseph Mallia prova anke jahrab minn fuq il-post bil-vettura.

Dwar dak li kienu libsin il-persuni li jidru fil-filmat u fir-ritratti esebiti a fol 290 u anke a fol 246 ftit qabel ma dawru l-cameras din il-Qorti tqis li dawn il-hwejjeg jixbhu lil dawk li l-imputati Mario u Clyde Mallia kienu liebsin meta gew arrestati u cioe' dawk li jinsabu a fol 132 fl-envelope immarkat bhala Dok FF, izda gialadarba dan sehh matul il-lejl u ghalhekk il-filmat ma huwiex daqstant car u anke in vista tal-fatt li l-wicchom mghotti, din il-Qorti ma hija bl-ebda mod torbot l-involviment tal-appellanti <u>limitatament</u> mal-filmat esebit. Jirrizulta izda kif ikkunsidrat li hemm numru ta' provi

indizzjarji li jwaslu ghal konkluzjoni li kienu huma li pruvaw jisgassaw il-banka tal-lottu. L-appellanti jaghmlu sottomissjoijiet dwar li l-Prosekuzzjoni trid tressaq l-ahjar prova. Din il-Qorti terga temfasizza li l-fatt li ma ngabux *call logs* ma jfisser xejn sabiex jigi pruvat jekk l-imputati resqux lejn il-banka tal-lotta u dan stante li l-appellanti instabu mill-Pulizija f'vettura vicin il-banka tal-lottu. Ghalkemm ma jirrizultax jekk l-appellant Keith Joseph Mallia harigx mill-vettura u ghalkemm ma jirrizultax li kien huwa li prova jisgassa l-banka tal-lottu, din il-Qorti ma ghandhiex dubju dwar l-involviment tieghu anke jekk dan kien limitat ghal li jistenna fil-vettura u dan stante li ma hemm l-ebda raguni plawsibli ghala Keith Joseph Mallia kellu jinstab fil-vettura flimkien ma' Mario u Clyde Mallia b'oggetti li jistghu jintuzaw biex isir sgass, b'oggetti bhal ingwanti u balaclavi biex tinqatta l-identita', b'vettura bil-pjanci ta' registrazzjoni ta' wara mghottija u b'radju fuq ic-channel tal-Pulizija. In oltre' r-raguni moghtija mill-appellanti a tempo vergine minn Keith Joseph Mallia u cioe' meta twaqqaf mill-Pulizija fil-vettura u fl-istqarrijiet minn Clyde Mallia u Mario Mallia u cioe' li kienu jinsabu barra dak il-hin biex jixtru hobza lanqas hija verosimili. Din il-Qorti tispjega ukoll li ghalkemm l-istqarrijiet tal-imputati ittiehdu fiz-zmien meta ma kellhomx il-jedd li jkunu assistiti minn Avukat waqt it-tehid tal-istess stqarrijiet, ma jirrizultax li l-appellanti qeghdin jikkontestaw l-ammissibilita' taghhom u lanqas tirrizulta kkontesata l-ammissibilita' ta' dak li l-Pulizija jghidu li l-imputati qalu a tempo vergine u ghalhekk din il-Qorti tqis kemm dak li nghad mill-imputati a tempo vergine u anke fl-istqarrija bhala prova ammissibli. Din il-Qorti tistaqsi ghalhekk jekk taghmilx sens li fis-sieghat bikrin ta' filghodu johorgu tlett minn nies biex jixtru l-hobz u in oltre fl-istess vettura jinsabu oggetti li permezz taghhom riedu jghattu l-identita' taghhom bhal balaklava u anke ammont ta' ghodda. B'zieda ma dan, wiehed mill-passiggieri kien ghadu bil-balaklava f'rasu meta gew innutati mill-Pulizija. Din il-Qorti ghalhekk ma taqbilx mal-appellanti lil-Qorti tista biss tispekula dwar l-involviment tal-imputati, mill-assjem tal-provi jirrizulta pruvat li l-appellanti ghamlu tentattiv sabiex jidhlu fil-banka tal-lottu u in oltre l-oggetti misjuba fil-vettura fejn instabu l-appellanti jikkonfermaw li l-intenzjoni kienet wahda ta' serq.

Dwar ir-reat tas-serq, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Sandra Zammit] vs Clifford Camilleri'**[18] fejn gie kkunsidrat li:

*'Illi x'inhuma l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta' serq huwa pacifiku u ben stabbilit. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem*[19] *li our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro*

*Illi dwar il-hames element, dak intenzjonali l-Qorti ta'l- Appell Kriminali*[20] *stabbilit li:*

*Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett, imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-Carrara [op.cit. Vol. I, para. 2035]:-*

*"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-Crivellari jghid:-*

*"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law, 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*

---

18 Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Jannar, 2013 (Numru 209/2011)

19 Notes on Criminal Law Vol II pagna 269. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

20 Ref Pulizija vs John Galea deciza 31/01/2003. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) tas-sentenza citata)

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*

*u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para1843 jghid:-*

*"il profitto...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*

*u aktar ' isfel :-*

*"...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*U mbaghad il-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]'*

In oltre' fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Adrian Valletta'**[21] fejn gie kkunsidrat li:

*'Il-Qorti ghalhekk thoss li f'dan l-istadju ghandha taghmel apprezzament ta' dritt u cioe taghti tifsira tal-kuncett ta' serq, u cioe tar-reat kontra l-propjeta ta' terzi per eccellanza jew ahjar kif jghid il-Manzini -*

*"l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza ghal dan ir-reat) e' l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilita del patrimonio."*

*Jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk n-nozzjoni tas-serq tista' prima facie tidher facli u ta' intelligenza volgari, mandankollu r-reat*

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Marzu, 2019 (Appell Numru: 37/2015)

*ta' serq dejjem ta' lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn* ***Carrara*** *fil-Programma Speciale vol IV para 2017- vide fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Tanti***[22].

*Il-**Carrara** jghid:"il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*

*Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe:*

*1. il-contractatio tal-haga,*

*2. li tappartjeni lil terzi,*

*3. maghmula b'mod frawdolenti,*

*4. minghajr l-kunsens tad-sid, u*

*5. animo lucrandi.*

*Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-contrectatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti, inridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss t-tehid tar-res aliena izda l-intenzjoni li ser isir akkwist-* ***animo di farne lucro****. Il-kontracettazzjoni ma hiex bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret invito domino u luci faciendi gratia.*

*Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess*

---

[22] Deciz mill-Qorti tal- Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944 (Vol XXXII(e) IV/814 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlettax (13) tas-sentenza citata)

*tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jghid* ***Manzini*** *presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'ghandhux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistghax jinsab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil- fatt, kif gia gie spjiegat fil-kawza* ***Il-Pulizija v S.Pisani*** [23]*-, il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' invito domino huwa intwittiv li l- kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccessjonali jista' jkun prezunt, u allura l-buona fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.*

***Carrara*** *jghid :"avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso."*

Din il-Qorti tqis li l-fatt li sehh sgass tal-kancell jikkonferma li l-intenzjoni kienet sabiex l-intimati jisirqu u dan jigifieri biex jiehdu xi haga b'mod frawdolenti naturalment minghajr il-kunsens tas-sid bil-hsieb li jiksbu beneficcju, ikun li jkun. Jirrizulta izda li s-serqa ma saritx u kien hemm biss tentattiv tas-serq. Din il-Qorti sejra tqis jekk ghandhiex issib htija ta' tentattiv taht l-artikolu 41(1)(a) jew (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kaz li ghandha tinstab htija taht l-artikolu 41(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sejra tqis l-atti li lehqu ghamlu l-imputati.

Dan l-artikolu jipprovdi:

'*(1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort'oħra, -*

---

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar d-dsatax ta' Frar, 1942 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbatax (14) tas-sentenza citata)

*(a) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, il-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa gradjew żewġ gradi;*

*(b) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena għall-atti li jkun laħaq għamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-liġi.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Jason Francis Sultana Spettur Joseph Agius Vs Charles Sciberras'**[24] gie kkunsidrat li:

*'Illi l-appellanti, imbaghad jilmenta illi l-Ewwel Qorti malament sabet htija tat- tentattiv tar-reat ta' serq billi kienu neqsin ir-rekwiziti tal-ligi li isawwru dan l-istitut legali fosthom li ma kienx hemm l-atti ezekuttivi mehtiega sabiex tinstab il-htija. Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: "Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati .... jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."*

*Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':*

1. *Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.*
2. *Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.*
3. *In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill- volonta tal-hati.*

*Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema*

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju, 2016 (Appell Numru: 211/2015)

*reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat- tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall- esekuzzjoni tad-delitt.*

*Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:*

*"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."*

*Madanakollu kif ikompli ighid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta'l-esekuzzjoni tad- delitt. X'distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta'l-istess?*

*Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:*

*"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."*

*Illi l-atti maghmula mill-imputat kienu is-segwenti:*

1. *Kisser il-hgiega tal-vettura tal-parti leza u ghalhekk kien hemm l-isgass.*

2. *Ha oggetti minn gewwa l-vettura fosthom CD player u CDs*

3. *Inqabad fil-fatt mill-parti leza hdejn il-vettura tieghu bil-hiega imkissra u bl- oggetti f'idejh biex b'hekk giet sfrattata l-intenzjoni kriminuza.*

*Illi allura ma hemmx dubbju illi l-appellanti mhux biss ghamel dawk l-atti kollha sabiex jipprepara ruhu biex jikkometti ir-reat izda ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad- delitt billi kien hemm 'forced entry' fil-vettura u it-tehid ta'l-oggetti proprjeta tal- vittma. Izda il-garr ta' dawn l-oggetti mill-isfera tal-pussess tal-vittma gie sfrattat mill-vittma stess meta dan intercettah hdejn il-vettura tieghu u gieh suspett li kien qed jisirqu. B'hekk l-appellanti ma kellux success fl-intenzjoni kriminuza tieghu ghaliex gie sfrattat mill-ezekuzzjoni tad-delitt minn xi haga indipendenti mill- volonta tieghu. Kwindi dan l-aggravvju ukoll huwa insostenibbli u qed jigi rigettat.'*

Illi fil-kaz odjern ma hemmx dubju li kien hemm l-intenzjoni li giet manifestata f'atti preparatorji u bidu ta' ezekuzzjoni tad-delitt meta zewg holoq tal-hadid li kienu parti mil-antiporta tal-hadid gew imqaccta sabiex jitnehha katnazz li kien hemm izomm din l-antiporta msakra. Dak li jrid jigi kkunsidrat huwa ghala s-serqa giet sfrattata u cioe' jekk id-delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati jew jekk jekk l-imputati waqfu min rajhom milli jikkonsmaw id-delitt. PS 1236 Joseph Gatt xehed li '*il-bieb ta' l-ħadid kien jinqafel b'katnazz iżda dan l-attentat sar meta s-Sinjuri li ppruvaw jidħlu hemm gew, qatgħu l-bieb flok il-katnazz, qatgħu fejn jidħol il-lock ta' l-katnazz iżda għal xi raġuni ma daħlux għal antiporta,*'. L-Ispettur Fabian Fleri fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li '*probabbment wara li ma qabduhomx il-camera babsu ma' l-bieb. X'kienet ir-raguni għal fejn waqfu milli qed jagħmu ma nafx.*' Ghalhekk dak li jirrizulta huwa li ghalkemm l-imputati sgassaw tal-grada ta' barra huma waqfu milli jkomplu bl-ezekuzzjoni tad-delitt. Din il-Qorti hija tal-fehma li

ghalkemm l-appellanti instabu fil-vettura vicin din il-banka tal-lottu fejn wiehed mill-imputati kien ghadu bil-balaklava imlibsa f'rasu indikazzjoni li l-appellanti setghu kien ghad ghandhom l-intenzjoni li jkomplu bl-attentat taghhom ghas-serqa, ma giex ippruvat minghajr dubju dettat mir-raguni li huma kienu sejrin ikomplu bl-ezekuzzjoni tar-reat u li waqfu minhabba li avvicinawhom il-Pulizija. Baqa mhuwiex maghruf ghala d-delitt ma giex esegwit u cioe' x'kien dak li waqqafhom milli jidhlu fil-banka tal-lottu. Din il-Qorti f'dan ir-rgward taqbel mas-sottomissjoni tal-appellanti li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova x'kienet ir-raguni ghala l-appellanti waqfu milli jkomplu d-delitt, liema presunzjoni ghandha timmilita favur l-akkuzati u ghalhekk wiehed irid jassumi li l-appellanti waqfu milli jkomplu bid-delitt minn rajhom u mhux minhabba xi haga indipendenti u accidentali. Huwa minnu li l-Pulizija lemhu l-vettura vicin il-banka tal-lottu u fejn wiehed mill-appellanti kien ghadu bil-balaclava f'rasu, biss pero l-Pulizija ma qabdux lill-appellanti *in flagrante* jippruvaw jidhlu ghal gol-banka tal-lottu u ghalhekk din il-Qorti qieghda tqis li l-appellant iddezistew volontarjament. Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra l-atti li lehqu twettqu *ai termini* tal-artikolu 41(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Mallia) Vs Omissis Omissis Omissis'**[25] gie kkunsidrat li:

*'Illi pero' l-appellant jissenjala kontradizzjoni fis-sentenza appellata, fejn f'parti minnha l-Ewwel Qorti qalet li "ghalkemm mill-apprezzament tal-provi jirrizulta li t-tlitt imputati xtaqu jidhlu fid-dar....sabiex jiehdu proprjeta' ta' terzi, pero' dan ma sehhx minhabba li huma ddezistew minn rajhom ghaliex ma rnexxilhomx" u li dwar il-piena, kienet ser tqis "inter alia" : "il-fatt li l-imputati ddezistew mill-konsumazzjoni tar-reat minn rajhom." u l-parti fejn sabithom hatja tar-reat ta' tentattiv ta' serq aggravat. Jghid li una volta li l-Ewwel Qorti ddecidiet li l-appellant u shabu kienu ddezistew volontarjament mill-progett kriminuz taghhom, ma setghu qatt jinstabu hatja tar-reat ta' tentattiv ta' serq aggravat.*

[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar, 2009 (Appell Kriminali Numru: 313/2008)

*L-appellant ghandu ragun. Din il-Qorti wkoll taqbel li l- appellant u shabu, bhala fatt, iddezistew mill-ghan taghhom li jkomplu jisgassaw il-fond biex jidhlu jisirqu; tant li, meta waslu l-Pulizija, kienu gja telqu minn fuq il-post. Ghamlux hekk ghax irrejalizzaw li bil-mezzi li kellhom ma kienx ser jirmexxilhom jidhlu jew ghax ma riedux jaghmlu storbju li seta' jinstema' mill-girien hu irrilevanti. Il-punt hu li, kif ikkonkludiet gustament l-Ewwel Qorti, huma kienu waqfu volontarjament milli jwettqu l-ghan taghhom.`*

*Dan ghaliex kif jghid* ***Sir Anthony Mamo*** *("Notes on Criminal Law", Vol. I, (1958 edit.) p. 119):-*

*"The law does not require that the desistance should be absolutely spontaneous, i.e. prompted solely by repentance or returning good feeling independently of any other motive....The law is satisfied if the desistance is voluntary , or, in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will."*

*F' dan il-kaz ma rrizultatx l-impozizzjoni ta' xi forza estranea jew ta' xi haga accidentali w indipendenti mill- volonta' tieghu, fuq il-volonta' tal-appellant u shabu bhal, per ezempju, xi "hue and cry" mill-girien jew il-wasla fuq il- post tal-Pulizija li sfrattaw is-serqa incipjenti. Di fatti, kif xehdu l-istess Pulizija li marru fuq il-post, iz-zaghzagh kienu gja allontanaw ruhom minn hdejn il-fond in kwistjoni meta waslu hemm.*

*Issa skond l-artikolu 41 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, jekk id- delitt ma jkunx gie esegwit minhabba li l-hati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, jehel il-piena ghall-atti li jkun lahaq ghamel, jekk dawk l-atti ikunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi.*

*Ghalhekk f' dan il-kaz l-appellant ma kellux jinstab hati ta' tentattiv ta' serq, imma, se mai, ta' xi reat iehor li lahaq ghamel u fil-kaz partikolari tieghu ta' xi hsara volontarja jew tentattiv ta' hsara volontarja fuq il-bieb ta' barra tal- fond de quo, kif ex admissis sar minnu meta, kif qal, dahhal il-formatur bejn iz-zewg bibien u ta daqqa zghira bil-mazza.*

*Pero' dwar dan ir-reat jew it-tentattiv tieghu – kompriz u involut fih, l-Ewwel Qorti lliberat lill-*

*appellant mit-tieni imputazzjoni w, ladarba ma sarx appell minn din il- liberazzjoni mill-Avukat Generali, din il-Qorti hija issa prekluza milli ssibu hati hi ta' dan ir-reat ta' hsara volontarja jew it-tenttiattiv tieghu skond ir-rizultanzi.'*

F'dan il-kaz partikolari l-atti li lehqu ghamlu l-imputati kien li kellhom ghodda li tista' tintuza biex isir ftuh jew sgass kif ukoll jirrizulta li lehqu ghamlu hsara volontarja meta pruvaw jisgassaw il-banka tal-lottu. Minkejja dan, il-Prosekuzzjoni naqset milli takkuza lill-appellanti b'dawn iz-zewg imputazzjonijiet u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija ta' dawn l-atti u sejra ghalhekk tilliberahom mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom kollha.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tqis il-bqija tal-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Keith Joseph Mallia. L-appellant Keith Joseph Mallia fl-ewwel (1) imputazzjoni indirizzata lejh biss, gie akkuzat ukoll li '*Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni ACB123 tal-ghamla Kia Shuma meta kellha il-licenzja skaduta u ma kienx kopert b'polza tas-sigurta ghall-terzi persuni Art.3 (2) kap 104, Art. 13 L.S. 368.02*'

Skont id-dokument prezentat a fol 138 et sequitur u mmarkat bhala Dok FF16 il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ACB123 ma jirrizultax li kienet assigurata filwaqt li kienet ghadha tidher bhala registrata fuq Tony Autoparts fejn bhala contact person hemm indikat Ryan Briffa. L-Ispettur Fabian Fleri fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li '*Kienet irreġistrata fuq persuna oħra li meta kien tkellem fuqha u issa għandu jixhed fi stadju ieħor ta' dawn il-proceduri li meta gie mitkellem huwa qal li huwa kien biegħha lil Keith Joseph Mallia imma suppost qabel ma kien isuqha fit-triq, kellu jirranġalha xi ħsarat għand il-mechanic u kellu jmur jagħmel it-transfer għandu. Il-persuna li qed insemmi huwa ċertu Rysn Briffa ta' Tony Auto Parts, 298, Triq Ħaz Zabbar, Fgura u rigward dan qed nezebixxi dokument mis-sistema tagħna li fih id-dettaji kollha ta' l-vettura u juri illi l-insurance u l-licenzja skadew fil-31 ta' Jannar, 2016. Dan id-dokuemtn qed jiġi eżebit u mmarkat bħala Dokument FF 16.*' L-appellant Keith Joseph Mallia fl-istqarrija rilaxxata fil-hamsa u

ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) stqarr li l-Kia Shuma bin-numru ACB123 hija ta' dealer u li kien ghadu kif xtraha filwaqt li kien ghadu ma ghamilx transfer u lanqas ma gedded l-insurance. Huwa kkonferma li kien hu li kien qed isuq. L-appellant Keith Joseph Mallia jissottometti li ma hemmx prova cara u inekwivoka illi kien l-appellant li kien qed isuq l-vettura u responsabbli ghaliha u allura mhuwiex minnu illu huwa kellu r-responsabbilta' li jassikura tali vettura stante li mhuwiex minnu li kien qed jaghmel uzu mill-vettura. Jissottometti l-vettura kienet registrata fuq Tony Autoparts mhux f'ismu.

PC918 Clayton Azzopardi fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li '*Ix-xufier li qed ngħarfu li qiegħed fin-nofs Keith dak il-ħin qalli ħalina mmorru Sir qisu qatt ma gara xejn għax aħna ġejna nixtru l-ħobz bħal issa, dak il-kliem qalli, qalli ġejna nixtru l-ħobz...*' PC 1189 Jurgen Falzon fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) mistoqsi min kien qieghed isuqha l-karozza wiegeb '*Il-missier li qiegħed bilqiegħda fin-nofs.*' B'zieda ma dan kien l-imputat Keith Joseph Mallia stess li fl-istqarrija tieghu rilaxxata fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) li stqarr li kien hu li kien qieghed isuq il-vettura.

Din il-Qorti tqis li ghalhekk gie ppruvat li kien l-appellant Keith Joseph Mallia li kien qieghed isuq il-vettura u ghalhekk kien huwa responsabbli ghaliha f'dak li jirrigwarda l-polza tal-assigurazzjoni. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-subartikoli (1), (1A) u (1B) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu li:

'*(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, <u>ħadd ma jista' juża</u> jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*

*(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).*

*(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.'*

Ghalhekk ghalkemm il-vettura kienet ghada mhijiex registrata fuq l-appellant Keith Joseph Mallia, stante li jirrizulta li kien qieghed jaghmel uzu minnha dak il-hin li intlemhu l-imputati mill-Pulizija, huwa ma setghax juza l-vettura minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Ghalhekk huwa hati ta' dan ir-reat mhux biss is-sid tal-vettura jekk ihalli lil xi hadd juza vettura minghajr polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni izda anke l-persuna li jkun ghamel uzu minn din il-vettura waqt li kienet minghajr din il-polza ta' assigurazzjoni. Ma ngabet l-ebda prova li l-appellant ma kienx jaf dwar dan u li kien ezercita kull diligenza dovuta sabiex ma jhallix li r-reat isir.

Illi ghalhekk kien jinkombi fuq l-appellant Keith Joseph Mallia li jressaq prova li l-vettura kellha polza tal-assigurazzjoni. Din il-prova ma tressqitx u ghalhekk din il-Qorti sejra issib lil Keith Joseph Mallia hati talli saq vettura minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta ghall-terzi persuni. Minn naha l-ohra izda din il-Qorti ma hijiex issib htija taht il-legislazzjoni sussidjraja 368.02 senjatament taht ir-regolament numru tlettax (13) stante li kien jinkombi fuq sid il-vettura u cioe' Tony Autoparts li jhallas il-licenzja gialadarba din il-vettura kienet ghada ma gietx trasferita f'isem Keith Joseph Mallia.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda ssib htija tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra Keith Joseph Mallia wahdu limitatament *ai termini* tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li l-vettura ma kintix koperta b'polza tas-sigurta' ghall-terzi persuni u mhux taht ir-regolament 13 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 u cioe' li l-vettura kellha licenzja skaduta.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tat-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Keith Joseph Mallia wahdu, huwa gie akkuzat li:

'*2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza inghatat fit-13 ta' Mejju 2015 mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LLD u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel (Artikolu 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza inghatat fid-9 ta' Gunju 2015 mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale LLD u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel (Artikolu 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza inghatat fis-26 ta' Marzu 2014 mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea LLD u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel (Artikolu 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);*'

Stante li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta kopja ta' dawn is-sentenzi, din il-Qorti ma tistax issib htija tat-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Dwar il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant Keith Joseph Mallia, l-appellant jissottometti li htija tista' tinstab biss jekk jinstab hati tal-attentat tas-serq stante li skont l-appellant dawn l-akkuzi relati mal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest huma sussidjarji. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant u dan stante li l-imputazzjoni dwar nuqqas ta' tharis ta' kundizzjonijiet f'digriet ghal helsien mill-arrest hija imputazzjoni separata u distinta minn imputazzjonijiet ohra fejn htija tista' tinstab mhux biss f'kaz li jigi kommess reat ta'

natura volontarja waqt li persuna tkun taht helsien mill-arrest izda anke f'kaz li ma jigux osservati l-kundizzjonijiet imposti fuq imputat permezz ta' digriet ghal helsien mill-arrest bhal hin ta' rinkazar.

Illi l-hames (5) imputazzjoni taqra:

'*Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Neville Camilleri LLD fid-digriet tieghu tal-4 ta' Marzu 2013 li bih tat il-helsien mill-arrest. (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);*'

Vera kopja ta' dan id-digriet gie prezentat a fol 25 u mmarkat bhala KMJ3 fejn l-imputat kellu jirtira gewwa d-dar mhux izjed tard mit-tmienja u nofs ta' filghaxija (8:30pm) u ma tohrogx qabel is-sebgha ta' filghodu (7:00am). Dawn il-kundizzjonijiet gew ikkonfermati bil-gurament mill-Ispettur James Grech fis-seduta tat-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) li fiha kien l-Ispettur investigatur u Prosekutur u filwaqt li gharaf lill-imputat xehed li '*dawn il-bail conditions għadhom in vigore sa llum il-gurnata.*' Jirrizulta li l-Pulizija lemhu lill-imputati gewwa l-Marsa ghal habta tal-erbgha neqsin kwart ta' filghodu (3:45am) fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016). PC 1189 Jurgen Falzon fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar ta' dik is-sena '*fl-erbgħa nieqsin kwart ta' filgħodu konna fuq ir-ronda fuq l-area ta' l-Marsa u kont ma' l-kollega tiegħi PC 918 u konnt għaddejjin fil-main road ta' l-Marsa ezattament mill-mini ta' Santa Venera direzzjoni għal Aldo Moro eżatt fejn hemm il-Clentec ilmaħna vettura fi Triq it-Tigrija qiegħda ipparkjata quddiem Cold Stores abbandunat hemm hekk u qanqlitilna suspett, dorna ma' l-bokk jiġifieri ġejna għal Triq it-Tigrija u kif soqna, saqet din il-vettura..*' PC 918 Clayton Azzopardi fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li '*fil-25 ta' Frar, li għadda 2016 għal ħabta ta' l-erbgħa nieqes kwart waqt li kont duty patrol flimkien ma' PC 1189 kollega tiegħi konna qiegħdin insuqu l-vettura tas-servizz mill-mini ta' Santa Venera direzzjoni lejn Triq Aldo moro l-Marsa l-kollega tiegħi nnota vettura dak il-ħin ipparkjata ġewwa Triq it-Tigrija, l-Marsa*

*li kien hemm xi nies ġewwa fiha dak il-ħin li ma huwiex is-soltu għax hemm hekk ma huwiex daqs hekk abitabbli u qalli ara dik il-karozza hemm in-nies go fiha, ħarist u rajt vettura griża ipparkjata wiċċha 'l quddiem go binja fejn qabel kienet cold stores, nafuha sew għax aħna dik l-area nduru dejjem f'dik l-area u sa kemm dorna mill-by pass ta' l-Marsa direzzjoni għal Triq it-Tigrija hekk jiġifieri ġejna go Triq it-Tigrija il-vettura li kienet ipparkjata hemm hekk go d-daħla ta' fejn kienu l-cold stores inqalgħet minn fuq il-post u saq biex joħroġ għal main road.'* Filwaqt li fir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 121 et sequitur u mmarkat bhala Dok FF1 tnizzel li '*Illum 25/02/2016 ghal habta ta 03:45hrs gejna nfurmati minn Pc922 (RIU) li Pc's 918 u 1189 kienu fuq ronda fi Triq it-Tigrija Marsa u nnutaw vettura ta l-ghamla Kia Shuma li kellha numri tar-registrazzjoni mghottija u bhekk ma kienux vizibli.*'

Ghalhekk stante li jirrizulta li fil-hin li l-appellant instab barra, huwa kellu jkun rinkazat, din il-Qorti sejra ssib htija ta' din l-imputazzjoni.

Illi s-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant Keith Joseph Mallia wahdu hija:

'*Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Carol Peralta LLD fid-digriet tieghu tat-22 ta' Lulju 2015 li bih tat il-helsien mill-arrest. (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);*'

Illi vera kopja ta' dan id-digriet gie pprezentat a fol 24 u mmarkat bhala KMJ2 fejn wahda mill-kundizzjonijiet kienet li Keith Joseph Mallia kellu jirtira gewwa d-dar mhux izjed tard mid-disgha ta' filghaxija (9pm) u ma johrogx qabel is-sitta tal-ghada filghodu (6am). Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) l-Ispettu Johann J. Fenech xehed li '*Dok KM 52*[26] *a folio 24 u dawn huma l-kundizzjonijiet ta' l-bail li ingataw fil-konfront ta' l-ko imputat Keith Joseph Mallia l qed nagħraf hawn hekk fuq l-ewwel bank, dan*

---

[26] Din il-Qorti qieghda tqis ir-referenza minn dan ix-xhud ghal 'Dok JM52' minflokk 'Dok JMZ2' bhala lapsus.

*rigward kaz li kont investigajtu jiena u eventwalment hadt passi jiena u dawn il-kundizzjonijiet inghataw fit-2015.*' Ikkonferma li l-kaz ghadu ghaddej, huwa sub judice. Din il-Qorti qieghda ghalhekk issib htija ta' din l-imputazzjoni ukoll.

Is-seba' (7) imputazzjoni fil-konfront ta' Keith Joseph Mallia wahdu taqra:

'*Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Gabriella Vella LLD fid-digriet taghha tat-3 ta' Dicembru 2015 li bih tat il-helsien mill-arrest. (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);*'

Vera kopja ta' dan id-digriet jinsab a fol 30 u mmarkat bhala KMJ5. Wahda mill-kundizzjonijiet hija sabiex l-imputat jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mid-disgha ta' filghaxija (9:00pm) u ma johrogx minn hemm qabel is-sebgha ta' filghaxija (7:00am) tal-ghada filghodu. Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) l-Ispettur Josric Mifsud xehed li '*Qed nagħraf a fol. 30 kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja li gew mogħtija lil Keith Joseph Mallia li qed nagħraf hawn hekk fuq ix-xellug ta' quddiem il-Qorti liebes bil-vjola bil-kundizzjonijiet ta' l-bail li kellu li jkun ġewwa bejn id-disgħa ta' filgħaxija u s-sebgħa ta' filgħodu, garanzija depożitu ta' ħames mija u garanzija personali ta' elfejn ewro u li jiffirma it-Tnejn u l-Gimgħa l-għassa taz-Zejtun bejn it-tmienja u t-tmienja.*' Dawn il-kundizzjonijiet inghatghu fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Din il-Qorti tqis izda li ma giex sufficentement ippruvat li l-kundizzjonijiet kienu ghadhom vigenti meta sehh il-ksur ta' dawn il-kundizzjonijiet. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs. Hussein Hamada'**[27]:

'*Illi, fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li f'din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu permezz ta' digriet moghti fid-29 ta' Novembru 2011.*

---

[27] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-tlettax (13) ta' Jannar, 2016 (Numru: 41/2003)

*Illi l-Qorti tinnota li vera kopja tad-digriet tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest hawn fuq imsemmija jinsabu mmarkati fl- atti processwali bhala Dok. "FT 11" (a fol. 39 et seq.). Il-Qorti semghet lill-iSpettur Frank Anthony Tabone (a fol. 50) jixhed li huwa kien l-Ufficjal Prosekutur fil-kawza li fiha Hussein Hamada kien inghata dak id-digriet. Huwa identifika lil Hussein Hamada bhala l-imputat f'dawk il-proceduri kif ukoll li kien l-istess persuna li inghatawlu l-kundizzjonijiet imsemmija f'dak id-digriet. Huwa identifika lill-imputat prezenti fl-awla. S'hawnhekk kollox sew. L-unika haga hija li l-Prosekuzzjoni donnha ma ghamlitx distinzjoni bejn il-prova tal-identità għall-fini tar-recidiva u l-prova li trid titressaq fil- kaz li persuna tkun mixlija li kisret il-kundizzjonijiet ghall-ghoti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest. F 'dan il-kaz, minbarra d- digriet, konnotati, identifikazzjoni eccetra il-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proceduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu nghataw ikunu ghadhom pendenti fil-mument meta jkun gie allegat li l-imputat naqas milli jhares wahda mill- kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest. Dan ghaliex fil-kaz li dawk il-proceduri kriminali jkunu ġew mitmuma, jintemmu wkoll il-kondizzjonijiet marbuta maghhom – salv il-kaz t'appell mis-sentenza fejn jistghu jkunu ritenuti vigenti skont l-Artikolu 416(1A) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-kaz din il-prova tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li ghadhom pendenti ladarba din il-prova ma ngabitx fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti sejra ssib li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi u b'hekk ser tillibera lill-imputat minnha.'*

Ghalhekk din il-Qorti tqis li ma huwiex bizzejjed li jitla' l-Ufficjal Prosekutur jikkonferma l-identita' tal-imputat u ssir referenza ghad-digriet ghal helsien mill-arrest, izda l-Ufficjal Prosekutur jew ir-Registratur ghandu jikkonferma bil-gurament tieghu li d-digriet ghal helsien mill-arrest in kwistjoni ikun ghadu in vigore. Din il-Qorti ghalhekk ma hijiex issib htija tas-seba' (7) imputazzjoni.

It-tmien (8) imputazzjoni taqra:

*'Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Audrey Demicoli LLD fid-digriet*

*taghha tat-12 ta' Jannar 2016 li bih tat il-helsien mill-arrest (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);'*

Vera kopja ta' dan id-digriet jinsab a fol 26 u mmarkat bhala KMZ4. Wahda mill-kundizzjonijiet kienet sabiex l-imputat jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mid-disgha ta' filghaxija (9:00pm) u ma johrogx minn hemm qabel is-sebgha ta' tal-ghada filghodu (7:00am). L-Ispettur Saviour Baldacchino xehed fit-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn spejga li '*qed nagħmel refenza għal proċess a fol. 26, dan id-dokument huwa kopja tad-digriet mogħti mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli dwar ħelsien mill-arrest ta' Keith Joseph Mallia mogħti nhar it-12 ta' Jannar, 2016 f'kawza li kont qed jippresegwixxi jiena stess. Fih qed nagħraf lil imputat Keith Joseph Mallia li huwa prezenti f'din l-awla.*' Din il-Qorti tqis izda li ma giex sufficentement ippruvat li l-kundizzjonijiet kienu ghadhom vigenti meta sehh il-ksur ta' dawn il-kundizzjonijiet ghalhekk ma hijiex issib htija tat-tmien (8) imputazzjoni.

Id-disa' (9) imputazzjoni migjuba kontra Keith Joseph Mallia wahdu tirrigwarda r-recediva. In vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta sentenzi fl-atti ta' din il-kawza in sostenn tal-addebitu tar-recediva, din il-Qorti ma tistax issib htija ta' din l-imputazzjoni ghalkemm il-prova tal-fedina penali sejra tittiehed in konsiderazzjoni meta din il-Qorti tikkunsidra l-piena.

Ikkunsidrat;

L-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Mario Mallia wahdu:

'*1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kapitolu 446 Artiklu 7 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Vella LLD datata 11 ta' Marzu 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel (Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta);*'

Stante li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta kopja ta' din is-sentenza, din il-Qorti ma tistax issib htija ta' din l-imputazzjoni.

Illi t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Mario Mallia wahdu taqra:

'*2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Audrey Demicoli LLD fid-digriet taghha tat-12 ta' Jannar 2016 li bih tat il-helsien mill-arrest (Artikolu. 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*'

L-appellant jissottometti li dwar din it-tieni (2) imputazzjoni, tista' tinstab biss jekk jinstab hati tal-attentat tas-serq stante li skont l-appellant dawn l-akkuzi relatati mal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest huma sussidjarji. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant dwar dan. L-imputazzjoni dwar nuqas ta' tharis ta' kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest mhijiex marbuta limitatament ma sejba ta' htija ta' reat kommess volontarjament izda anke mal-kundizzjonijiet tal-istess digriet ghal helsien mill-arrest fosthom meta imputat jinstab barra f'hin li skont id-digriet ghal helsien mill-arrest kellu jkun rinkazat id-dar.

Vera kopja ta' dan id-digriet jinsab a fol 33 u mmarkat bhala MM2. Wahda mill-kundizzjonijiet kontenuti f'dan id-digriet tipprovdi li kellu jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mid-disgha ta' filghaxija (9:00pm) u ma johrogx minn hemm qabel is-sebgha ta' filghodu (7:00am). L-Ispettur Saviour Baldacchino fit-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li '*Qed nagħmel referenza a fol. 33 ta' dawn il-proceduri u l-istess huwa kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest din id-darba ta' Mario Mallia u qed nagħraf dan id-dokument fil-kawza li kont qed niprosegwixxi jiena ukoll mogħti ukoll mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli nhar it-12 ta' Jannar, 2012 u qed nagħraf lil imputat f'din l-awla.*' Ghalhekk ma jirrizultax li gie dikjarat bil-gurament li dan id-digriet kien ghadu in vigore. Ghalkemm fl-istqarrija rilaxxata minnu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u cioe' dik li tinsab a fol 127 et sequitur u mmarkata bhala Dok FF4 Mario Mallia gie mistoqsi '*Taf illi suppost skond il-kundizzjonijiet tal-bail li ghandek mhux*

*suppost kont barra dak il-hin. Tista tghidli ghalfejn kont barra?'* wiegeb '*Ghax morna nixtru il-hobz minn ghand Sammy*' din ma hijiex prova bizzejjed bhala konferma li dan id-digriet mertu tat-tieni (2) imputazzjoni kien ghadu vigenti stante li fl-istqarrija ma saritx referenza partikolari ghal digriet partikolari. Din il-Qorti tqis izda li ma giex sufficentement ippruvat li l-kundizzjonijiet kienu ghadhom vigenti meta sehh il-ksur ta' dawn il-kundizzjonijiet.

Ikkkunsidrat;

L-appellant jissottometti li htija tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Clyde Mallia wahdu tista' tinstab biss jekk jinstab hati tal-attentat tas-serq stante li skont l-appellant dawn l-akkuzi relati mal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest huma sussidjarji. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan. Minkejja li l-appellant Clyde Mallia ma nstabx hati tal-attentat tas' serq ghar-ragunijiet ikkunsidrati minn din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza, din il-Qorti trid tqis jekk l-appellant kisirx xi kundizzjoni ta' helsien mill-arrest. Kif gia gie stabbilit l-appellant instab mill-Pulizija ghal habta tal-erbgha neqsin kwart ta' filghodu (3:45am) u ghalhekk din il-Qorti trid tikkunsidra jekk skont il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kellux l-appellant ikun rinkazat id-dar f'dak il-hin.

L-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Clyde Mallia wahdu taqra:

*'1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f' dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Audrey Demicoli LLD fid-digriet taghha tat-12 ta' Jannar 2016 li bih tat il-helsien mill-arrest. (Artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);'*

Vera kopja ta' dan id-digriet jinsab a fol 39 u mmarkat bhala CM3. Wahda mill-kundizzjonijiet tad-digriet ghall-helsien mill-arrest kien li kellu jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mid-disgha ta' filghaxija (9:00pm) u ma johrogx minn hemm qabel is-sebgha tal-ghada filghodu (7:00am). L-Ispettur Saviour Baldacchino fis-seduta

tat-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li '*Qed nagħmel referenza a fol. 39 ta' dawn il-proceduri u dana l-istess huwa digriet ta' l-kundizzjonijiet ta' l-ħelsien mill-arrest kontra Keith Joseph Mallia et, din id-darba ta' Clyde Mallia li qed nagħraf hawn hekk f'din l-awla mogħti ukoll nhar it-12 ta' Jannar, 2016 mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli.*' Din il-Qorti tqis izda li ma giex sufficentement ippruvat li l-kundizzjonijiet kienu ghadhom vigenti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016). Ghaldaqstant din il-Qorti mhijiex issib htija ta' din l-imputazzjoni.

It-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' Clyde Mallia wahdu taqra li:

> *'1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Charmaine Galea LLD fid-digriet taghha tat-29 ta' Jannar 2016 li bih tat il-helsien mill-arrest. (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);'*

Vera kopja ta' dan id-digriet jinsab a fol 38 u mmarkat bhala CM2. Wahda mill-kundizzjonijiet taqra li kellu jirtira gewwa d-dar fejn mhux izjed tard mid-disgha ta' filghaxija (9:00pm) u ma johrogx minn hemm qabel il-hamsa u nofs tal-ghada filghodu (5:30am). Ghalkemm fuq id-digriet l-okkju huwa indikat bhala 'Il-Pulizija (Spettur Daryl Borg) vs Aidan Bartolo Clyde Mallia', L-Ispettur Daryl Borg ma xehdx izda xehed l-Ispettur James Grech fis-seduta tat-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn spjega li '*Qed nara ukoll fol. 38, Dok. CM2 li huma l-bail conditions ta' Clyde Mallia mogħtijin lilu mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea nhar id-29 ta' Jannar, 2016 u f'din il-kawza jiena ukoll kont l-Ufficjal Investigatur u qed nagħraf lil Keith Joseph Mallia bħala wieħed mill-imputati preżenti fl-awla u nikkonferma li dawn il-bail conditions għadhom in vigore sa llum il-gurnata.*'

Din l-imputazzjoni ghalhekk giet sufficentement ippruvata.

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) l-ufficjali Prosekutur kienu talbu korrezzjoni fis-sens li tizdied is-segwenti imputazzjoni fil-konfront ta' Clyde Mallia:

*'Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta r-reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza u supervision order liema sentenza inghatat fit-3 ta' Frar 2015 mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.'*

Fl-istess seduta l-Ufficjal Prosekuturi qraw l-akkuzi bil-gurament kif korretti. Din is-sentenza izda baqghet ma gietx ipprezentata mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk din il-Qorti lanqas tista' ssib htja ta' din l-imputazzjoni

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta fil-konfront ta' Kieth Joseph Mallia u anke fil-konfront ta' Clyde Mallia. Mario Mallia minn naha l-ohra sejjer jigi liberat mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghar-ragunijiet ikkunsidrat minn din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza. Din il-Qorti qieset kemm ir-rapporti tal-Ufficjali tal-Probation u anke l-fedina penali tal-imputati kif ukoll il-fatt li din il-Qorti tqis li n-nuqqas ta' osservanza ta' kundizzjonijiet kontenuti f'digriet ta' helsien mill-arrest bhala disrispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

Keith Joseph Mallia li instab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu limitatament ghal fatt li saq vettura li ma kinitx koperta b'polza tas-sigurta ghal terzi persuni kif ukoll tal-hames (5) imputazzjoni u tas-sitt (6) imputazzjoni, sejjer jigi kkundannat ghal seba' (7) xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li kien taht arrest preventiv relatat ma' dawn il-proceduri. Din il-Qorti sejra wkoll tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum. Tordna ukoll li s-somma depozitata u l-garanzija personali soggetta ghad-digrieti ghal helsien mill-arrest datati l-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) u t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) u cioe' dawk indikati fil-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni migjuba kontra Keith Joseph Mallia jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u sejra tirrevoka l-imsemmija digrieti tal-helsien mill-arrest u tordna r-riarrest tal-

appellant Keith Joseph Mallia.

Fir-rigward ta' Clyde Mallia, stante li din il-Qorti qieghda ssib htija tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra tieghu wahdu, qieghda filwaqt li tqis l-eta' tennera ttieghu izda anke l-fatt li jirrizulta mix-xhieda u rapporti tal-Ufficjal tal-Probation li kellu tfulija difficli, tqis ukoll li skont il-fedina penali tieghu minkejja l-eta' tieghu huwa diga xellef difru mal-gustizzju diversi drabi. Ghaldaqstant sejra tikkundannah ghal erba' (4) xhur prigunerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li kien taht arrest preventiv relatat ma' dawn il-proceduri u tordna l-konfiska tas-somma depozitata u anke tal-garanzija personali soggetta ghad-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Charmaine Galea LLD fid-digriet taghha tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) favur il-Gvern ta' Malta u tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' Clyde Mallia.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma ssibx lill-appellant Mario Mallia hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena. Fir-rigward ta' Keith Joseph Mallia, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 3(1), 3(1A), 3(IB), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issibu hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu biss u dan limitatament ghal li saq vettur minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' ghall-terzi persuni kif ukoll tal-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah mill-kumplament tal-imputazzjonijiet u tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat kien taht arrest preventiv relatat ma' dan il-kaz. Din il-Qorti qieghda tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ta' Keith Joseph Mallia ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum. Din il-Qorti qieghda tordna ukoll il-konfiska tal-ammonti depozitati u tal-garanzija personali relatat mad-digrieti tal-helsien mill-arrest datati l-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) u t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) soggetti ghal hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet u filwaqt li tirrevoka d-digrieti tal-helsien mill-arrest imsemmija fil-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet,

tordna r-riarrest ta' Keith Joseph Mallia. Fir-rigward ta' Clyde Mallia, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 579(2) u l-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-appellant Clyde Mallia hati tat-tieni (2) imputazzjoni u tilliberah mill-kumplament tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal erba' (4) xhur prigunerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li Clyde Mallia kien taht arrest preventiv relatat ma dawn il-proceduri. Din il-Qorti in oltre' tordna li l-ammont depozitat kif ukoll l-garanzija personali ordnata fid-digriet ghal helsien mill-arrest datat id-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) msemmija fit-tieni (2) imputazzjoni fil-konfront ta' Clyde Mallia jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta, qieghda tirrevoka l-istess digriet ghal helsien mill-arrest u tordna r-riarrest tieghu.

Stante li din il-Qorti ma hijiex issib htija tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tat-tlett imputati ghar-ragunijiet imfissra f'din is-sentenza, lanqas sejra tordna l-hlas tal-ispejjez peritali ta' Dr Steven Farrugia Sacco *ai termini* tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas sejra tordna l-hlas tad-danni sofferti *ai termini* tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti ghalhekk mhijiex tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-persuni indikati fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati kollha li taghha ma nstabux hatja.

Din il-Qorti mhijiex tordna l-konfiska tal-vettura tal-ghamla Kia Shuma bin-numru ta' registrazzjoni ACB123.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur